Awwissu 2003 • Vol 10 • Nru.12

# IL-PULIZIJA

xogħolna u ħajjitna fil-Korp

## Police Day 2003

## Preparazzjoni għall-Qorti

## We've Come a Long Way

A.L.E. Sea Patrol

## Minn Ġewwa l-Akkademja



# A TRULY GREAT FAMILY




























KIA is the Car that Cares. It Cares in its world class, award winning safety standards. It Cares in its refined designs, cool and comfortable interiors as well as stylish looks. It Cares in its choice of reliable, trouble free engines. Whatever your planned investment, private or business, KIA presents you with a stunning portfolio that is set to keep you astonished time and time again.

> Our Latest Models

1. Magentis
2. Shuma
3. Mentor
4. Rio
5. Sorento
6. Carens
7. Sedona
8. Pregio

KIA The Car that Cares

EASYSELL-KIA (Malta) Limited
Mdina Road, Qormi - QRM.08, Malta.
Tel: (+356) 21 466458/9 or 21 497607/8/9
Fax: (+356) 21 466285
www.tumas.com/kia

TUMAS GROUP

IL-PULIZIJA

Awwissu 2003





Diskors waqt il-Laqgħa tal-MPA 03


Żjara ta' Kortesija lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u d-Deputat Kummissarju s-Sur Joseph Cachia mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta li saret nhar l-24 ta' Mejju 2003.




Il-Media u l-Pulizija 08


Seminar organizzat mill-Fundazzjoni Tunas Fenech dwar kif il-ġurnalist għandu jirrelata x-xogħol tiegħu ma' dak tal-Pulizija. Ir-rispons min-naħa tal-ġurnalisti kien wieħed tajjeb, fejn ħarġu ħafna punti validi u nterresanti għaż-żewġ naħat




We've Come a Long Way ALE Sea Patrol 10


One of the many A.L.E. functions nowadays, is Sea Patrol. Police Sea Crafts are seen on sea several days of the whole year round. How came that the A.L.E. got in with having sea crafts for patrols even at sea?




Police Day 12th July 2003 13


The Malta Police Force celebrated the 189th Anniversary since its foundation on Saturday 12th July, 2003. After a lot of training and preparation and after two weeks of activities and displays by the Police Band, the Precision Drill Team and the Dog Section, around the various localities on the Maltese Islands




Preparazzjoni għall-Qorti 16


Huwa dmir tal-pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma' thallix li jsiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi li ġġib il-ħatjin quddiem l-awtorita' Ġudizzjarja.




Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti 25


Il-Konferenza Generali Annwali ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti saret fil-Vilhena Hall, id-Depot tal-Pulizija, nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju, 2003.


Membri tal-Bord Editorjali:
**Editriċi:**
W.P.C. 93 Carol Fabri
**Membri:**
Spettur David Saliba
P.S. 860 Keith Caruana

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti w aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nheġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnu.
Kull korrispondenza għandha tkun ittapjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur "il-Pulizija"
C.M.R.U.
Police Headquarters
Floriana CMR 02

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magażin mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.



© C.M.R.U. Police Headquarters, Awwissu, 2003



*Aġenti għar-reklamar:*

mm

*millennium markering*
*Johnny Catania Street, Msida*
*tel/fax: 2133 6481*
*mob: 7906 3821*


It's not just Fish & Pasta !
Don Antonio's
at PORTOMASO
For reservations Tel: 21 384100
Open for Lunch Daily


RIO
A TRUE BRAZILIAN RESTAURANT
BRAZILIAN RESTAURANT
at PORTOMASO
For reservations Tel: 21 383345



PC 24 Martin Pace
Segretarju tal-Assoċjazzjoni
Tal-Pulizija ta' Malta

# Malta Police Association

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta għamlet żjara ta' kortesija nhar l-24 ta' Mejju 2003 lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u d-Deputat Kummissarju s-Sur Joseph Cachia.

Dawn li ġejjin huma xi siltiet mid-diskorsi li saru f'din l-okkażjoni u li ħassejt li huma ta' interess li l-membri ta' l-assoċjazzjoni jkunu magħrfa bihom. Preżenti flimkien mal-Kummissarju u d-Deputat Kummissarju kien hemm l-Assistent Kummissarju s-Sur Lawrence Cauchi. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv li attendew għal din iż-żjara kienu ċ-Chairman is-Surġent 496 Godwin Borg, is-Segretarju Ġenerali l-Kuntistabbli 24 Martin Pace, it-Teżorier il-Kuntistabli 645 Gerry Attard flimkien mal-membri l-oħra ta' l-Eżekuttiv l-Assistent Kummissarju s-Sur Emanuel Cassar , l-Ispettur is-Sur David Saliba, l- RSM is-Sur Joseph Muscat is-Surġent PS 778 David Sant u l-Kuntistabbli Mara WPS 51 Louise Grech. Is-Supretendent is-Sur R. Vella Gregory kien skużat minħabba li kien fuq xogħol ġewwa l-Belt Valletta minħabba l-ftuħ tal-Parlament.

**Diskors tal-President MPA**
Il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija rringrazzja lill- Kummissarju s-Sur Rizzo talli għogbu jilqagħna f'din il-żjara ta' kortesija. Il-membri eletti tal-Kumitat Eżekutiv tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta ħassew li l-ewwel impenn uffiċjali għandu jkun li jsellem lill-Kap u Deputat Kap tad-dipartiment.

Is-Surġent Godwin Borg qal li kull membru li ġie elett/a ser joffri s-servizz tiegħu/tagħha f'din il-funzjoni l-ġdida li ssaħħet permezz tal-bidu fis-seħħ ta' l-Att tal-Pulizija. Tenna li hemm apatija fost il-membri tal-korp lejn l-assoċjazzjoni u ser jagħmel ħiltu kollha sabiex dan in-nuqqas ta' interess jispiċċa. Huwa semma li bħala assoċjazzjoni din ser tara li dawk il-kumitati bħal dawk ta' l-Isport , Entertainment u Welfare Committes jżidu f'ħidmiethom u jekk jkun hemm bżonn ta' kumitati oħra li jistgħu jgħinu l-membri tal-korp dawn naraw li jiġu mwaqqfa. Il-President semma li hawn ċerti problemi fost il-membri u semma bħala eżempju xi nkwiet fil-familji. Dawn il-membri għandhom jkollhom min jismagħhom. Tenna li l-assoċjazzjoni ser tkun ta' kulħadd mill-kbir saż-żgħir, u li hemm post għal-kulħadd. L-isfidi huma kbar imma b'rieda u b'għaqda u vuċi waħda naslu.

Il-Kummissarju s-Sur John Rizzo laqa' lill-membri fl-uffiċċju tiegħu. Beda biex irringrazzja lil dawn li ħargu għall-elezzjoni fi ħdan l-assoċjazzjoni. Huwa beda biex qal li għandna jkollħa mpennn għall- futur. Qabel li hawn ċerta apatija fost il-membri tal-korp lejn din l-assoċjazzjoni u jixtieq li l-affarijiet jitjiebu fi żmien qasir. Is-Sur Rizzo stqarr li l-assoċjazzjoni m'għandhiex tkun xi ħaġa ta' bil-fors. Irrefera għal żminijiet meta l-assoċjazzjoni kienet tiffunżjona sewwa. Dan l-aħħar saru xi affarijiet fil-korp għax kien hemm ir-rieda tal-Gvern u insista li jixtieq li jara titjib. Fakkar li d-dinja ma tinbidilx mil-lejl għan-nhar iżda x-xogħol irid jibda jidher u fakkar li aħna bħala assoċjazzjoni għandna nħallu warajna xi ħaġa ta' siwi. Fit-talbiet tagħna m' għandniex inkunu egoisti. Huwa tenna li hu personalment għandu mpenn u mħabba lejn il-Korp tal-Pulizija. Spjega li għandna nkunu dejjem oġġettivi u nkunu magħqudin. Qal li mhux dejjem kien hawn għaqda bejnietna. Għandna nseddqu l-frott ta' dawk li ġew qabilna u nsewwu l-ħazin. Ikollna pjan fejn irridu naslu u nippjanaw għas-sentejn li ġejjin.

Is-Sur Rizzo stqarr u nikkwotah "Jien ħa nkun magħkom". Semma li għandna naġġornaw ruħna f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Korp inġenerali. Jixtieq li nkunu assoċjazzjoni waħda u ma jixtieqx li jagħmel assoċjazzjoni oħra. Nesprimu x-xewqat tagħna b'vuċi waħda għax aħna lkoll membri ta' din l-assoċjazzjoni. Dak li hu tajjeb għal ta' fuq u tajjeb għal ta' isfel u viċi versa. Dejjem għandna nżommu saqajna ma' l-art. Is-Sur Rizzo saħaq li mhux ser jinponi u semma li l-poter qatt ma għamel bih. Saħaq fuq is-serjeta' u l-onesta' f'xogħolna. Huwa enfasizza dwar id-dmir, id-doveri u r-responsabilita' fil-qadi ta' dmirijietna. Id-dixxiplina fil-Korp trid tinġieb il-quddiem ħafna u fadal ħafna x'naqdfu. Is-Sur Rizzo semma li għandna nieħdu interess fil-kumitati interni tal-korp bħal dawk ta' l-Isport u dak soċjali .

Għandna nieħdu inizzjativa sabiex nimxu l-quddiem. Saħaq li għandna nagħtu servizz lill-poplu kollu għax l-istess poplu jħallas prezz għoli għas-servizz li aħna bħala pulizija nagħtu. Talabna sabiex nifhmu responsabilita' li għandu bħala Kummissajru kif hu jifhem id-dover u r-rispett tagħna lejh. Il-Kummissarju semma li qegħdin ngħixu f'dinja ta' globalizazzjoni u għalhekk ir-responsabilita' f'xogħolna kibret qatigħ. Hawnhekk is-Sur Rizzo reġa' semma d-dixxiplina fi ħdan il-korp u kemm hu importanti li din tissaħħaħ aktar. Irridu naħdmu b'ruħna u ġisimna. Tul il-ħatra tiegħu spjega li kellna xogħol impenjattiv ħafna . Semma fost oħrajn l-investigazzjonijiet kbar, il-klandestini, ix-xogħol konness mar-referendum u l-elezzjoni.

Hawnhekk semma li jixtieq li mill-aktar fis possibli jerġa' jiddaħħal ir-rank ta' Maġġur fid-distretti sabiex isaħħaħ ir-rankijiet u jkun ta' inċentiv għas-surġenti. Semma li bħala assoċjazzjoni din għandha tkun distinta f'ħidmietha pero' għandna nkomplu jkollna kuntatt mal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti u International Police Association. Jixtieq li jara l-parteċipazzjoni tal- MPA waqt il-ġimgħa festi sabiex jitfakkar jum il-fondazzjoni tal-Pulizija.

Is-Sur Rizzo huwa tal-fehma li post l-uffiċċju ta' din l-assoċjazzjoni għandha postha jkun fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.Saħaq li ma nkunux partiġjani / politiċi f'xogħolna, Għandna nitgħallmu bl-iżbalji u ntejbu dak li hemm diġa' tajjeb. Naraw li ma nħallu lil ħadd jinqeda bina u tenna li bil-kwiet u bil-paċenzja naslu.

Saħaq bil-kbir li aħna bħala membri ta' Kumitat Eżekuttiv għandna nirrapreżentaw lil kulħadd u ma jkunx hemm firda bejnietna . Huwa għandu l-unur li bħala Kummissarju huwa membru fl-assoċjazzjoni u din hi l-ewwel darba li kien hekk F'dan il-waqt saħaq li ma jara l-ebda konflitt ta' interess fil-pożizzjoni tiegħu kemm bħala kap tal-korp u kemm bħala membru fl-eżekuttiv. Hawnhekk stqarr u nikkowta "we are on equal level". Ta l-fehma tiegħu dwar l-'insurance' u semma li l-Gvern diġa huwa kommess dwar dan u semma tliet preċedenti. Bħala miżata qal li m' għandniex naraw kbir u f'dan l-istadju tal-laqgħa ħabbar li ser jibqa' jonora l-"Gentlemen agreement" li kien hemm qabel. Fl- aħħar semma li t-tibdil li jrid isir irid ikun kuntent bih kulħadd jiġifieri l-membri kollha tal-korp. Temm billi qal li jrid jara l-parteċipazzjoni ta' kulħadd.

Bħala Segretarju Ġenerali ma nħoss li għandi nagħmel l-ebda kumment dwar dak li ntqal f'din iż-żjara. Id-diskorsi li jien irraportajt ma għandhom bżonn ta' ebda spjegazzjoni.

Kollegi l-ħidma bdiet.




BALLUT BLOCKS LTD. WIED FILEP, L/O NAXXAR
TEL: (356) 2157 3093, 2157 2666 FAX: (356) 2157 5562

Sur Editur;

Xtaqt ngħid xi ħaġa dwar l-Assocjazzjoni tal-Pulizija u għalhekk nitolbok tippermettili ftit mill-ispazju tal-magazzin tiegħek.

L-ewwel nett nixtieq nibda billi nirringrazzja lil kull min xi darba jew oħra ta' sehmu f'kull assoċjazzjoni li kellu l-Korp tal-Pulizija sa minn meta bdiet, anke jekk forsi xi kulltant dehru li m'hu qed jagħmlu xejn. Nista' ngħid mill-esperjenza tiegħi li l-assoċjazzjoni dejjem ħadmet għal ġid tal-Korp, pero` sfortunatament l-assoċjazzjoni kull ma setgħet tagħmel dak iż-żmien kien, li tissuġġerixxi biss. Id-deċiżjoni kienet tiddependi minn ħaddieħor.

Appuntu, hawn hi r-raġuni li xtaqt nagħmel il-kummenti tiegħi. L-assoċjazzjoni l-ġdida (peres li b'liġijiet ġodda) għandha l-fakulta', li fejn ma tasalx, tirrikorri għand ħaddieħor għal aktar analisi ta' dak li dwaru tkun qed tgħid.

Hawnhekk nixtieq nawgura li l-assoċjazzjoni ma jkollhiex il-bżonn tirrikorri għand ir-refuġju u nittama li l-ftehim jintlaħaq minn ġewwa stess. Ma nistagħx nifhem kif l-awtoritajiet qatt jew kwazi qatt, ma waslu fi ftehim mal-assoċjazzjoni li kellna. Possibli li kull ma kienet tgħid l-assoċjazzjoni kien kollu banali jew impossibli? Possibli li l-awtoritajiet ma kienu jifmhu xejn minn dak li kienet tgħid l-assoċjazzjoni? Mela x'kienet titlob l-assoċjazzjoni? Naħseb li hija x-xewqa ta' kullħadd li xi darba naqraw x'kienu jkunu t-talbiet li kienet tagħmel. Speċjalment issa li għandna kumitat ġdid ħa nkunu nistgħu nqabblu.

Jien nixtieq nara l-kumitat il-ġdid jitlob li l-Korp tal-Pulizija jkollu l-istess kundizzjonijiet li għandhom il-bqijja tal-ħaddiema tal-Gvern u/jew parastatali. Nirreferi specjalment għal dawk il ħaddiema li jaħdmu bix-xift. (ez:-Dwana, M.I.A., Air Malta, S.L.H., Enemalta, Telemalta, Maltacom, Banek ecc.) Għaliex le? Kundizzjonijiet li huma stabbiliti fl-Estacode. Mill-esperjenza tiegħi, ġa naf kif ser itkun ir-risposta. (Li wara 25 sena servizz aħna nieħdu l-penzjoni) Il-Gwardjani tal-ħabs u s-Suldati ukoll jieħdu l-penzjoni wara 25 sena servizz u xorta għandhom kundizzjonijiet ahjar minn tagħna. Irrid ngħid pero` li s-suldati jaqgħu taħt kategorija differenti minn tagħna. Dik militari u mhux ċivili.

Fil-kaz tagħna l-Pulizija, naħseb li wasal iż-żmien li għandu jiġi analizzat il-bzonn i.e.:- Strength, Tip ta'xogħol, Xift, Apparat u Ilbies ta' kull sezzjoni, branka, distrett u anke għaqdiet oħra sportivi u kulturali. Dan għandu jkun bil miktub biex meta jinbidel il-*Head* tas-sezzjoni, ma jkollux problemi biex jidra' u ma jivvintax regolamenti ġodda, sempliċiment biex ikun differenti minn ta' qablu.

Jien ma nara xejn ta' barra minn hawn jekk l-assoċjazzjoni titlob li huwa msemmi fuq. Ma naħsibx li huma xi affarijiet li jdejqu lil kull min għandu għal qalbu l-Korp tal-Pulizija u jirrispetta l-paċi pubblika.

Nawgura lill-kumitat il ġdid ħafna energija u rieda tajba. Nawgura wkoll lill-Kummissarju li jsib ħin biex jisma' r-rapprezentanti tagħna għal ġid tal-Korp tal-Pulizija u fuq kollox għall-ġid ta' pajjiżna.

N.B. Nitlob lill-kumitat iżomm records u jinfurmana b'dak kollu li jkun għaddej, jekk ma jridx li jdum biss, mill-Milied sa San Stiefnu.

Grazzi

Ps 368 S. Monreal

---

# *Mulej Mexxin' Int*

Fit-toroq imserpa, fl-irħula, fl-ibiet.
Fis-sħana, fir-resħa, jien dejjem terraqt
Jekk festa, jekk brijju jew forsi inkwiet
Kif ħlift quddiem Alla jien dmiri wettaqt.

U nibqa nissielet għas-sewwa, għall-ġid
Insewwi d-deni, inserraħ l-imħuħ
Ta' dak li jeħtieġni, batut jew marid.
Għal kull min minn għajru iħossu maqtugħ.

Fit-tnax-il ġurnata ta' Lulju ix-xahar
Ma' ħuti ħerqan imfakkar l-istorja
Ta' Korp li hu ħajti, li daq anke mrar
Biss jemmen b'kurraġġ f' tas-sema il-glorja.

Għalkemm xi ftit dgħajjef jien dejjem emmint
Fil-kliem li nġorr miegħi 'Mulej mexxin' Int'.



Supretendent Raymond Vella Gregory

THE GLOBAL GROUP

**The best of health and care**

# "Planning for good health today and tomorrow is easy when you think about it"



www.bupamalta.com

From the moment you are born, your wellbeing is in the hands of other people. As you get older, your health continues to be vital to your everyday life. Over 4,000,000 members worldwide, rely on BUPA to look after their health insurance needs. For more details on all BUPA HEALTH CARE SCHEMES kindly contact us on **21 342 342**.

**Trust us to care.**

BUPA Malta

**BUPA Agencies Ltd.**
120 The Strand · Gzira GZR03 · Malta
Tel: [+356] 21 342 342 · Fax: [+356] 21 333 100
E-mail info@bupamalta.com
www.bupamalta.com

BUPA Agencies Ltd is authorised to act as an insurance agent under the Insurance Business Act, 1998 for BUPA Insurance Ltd in the class of sickness insurance and in long term business on behalf of British American Insurance Co. (Malta) Ltd.



PS 496 Godwin Borg
Chairman tal-Assoċjazzjoni
Tal-Pulizija ta' Malta

# Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija

Merħba lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija.Għaddew aktar minn xahrejn minn mindu l-kumitat eżekuttiv preżenti ġie elett, għalhekk tajjeb wieħed jieħu din l-opportunita, u jintroduċi lill-membri kollha eletti w ex officċo

Mr. Godwin Borg Ps 496 Chairman
Mr. Martin Pace Pc 24 Segretarju Ġenerali
Mr. Terry Attard Pc 645 Teżorier

Fil-karigi ta' membri ntlaħqu:

Mr. John Rizzo Kummissarju tal-Pulizija
Mr. Joseph Cachia Deputat Kummissarju tal-Pulizija
Mr.Emanuel Cassar Assistant Kummissarju tal-Pulizija
Mr. Ray Vella Gregory Supretendent tal-Pulizija
Mr. David Saliba Spettur tal-Pulizija
Mr. Joseph Muscat RSH
Mr. David Sant PS778
Mrs. Louise Grech WPC 51

L-Att dwar il-Pulizija Kapitlu 164, jitkellem ċar ħafna rigward ir-rwol li għanda l-assoċjazzjoni. Mill-banda l-oħra, l-kumitat eżekuttiv iwiegħed ħidma bla waqfien, għall-ħarsien u tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna, sabiex imbagħad,minn naħa tagħna,bħala Korp tal-Pulizija ntejbu l-effiċjenza tagħna fil-qadi ta' dmirijietna lejn iċ-ċittadini.

Fil-jiem li għaddew, kelli l-opportunita li nitkellem ma diversi membri tal-korp rigward l-assoċjazzjoni,pero sfortunatament,ir-rispons kien negattiv għall-aħħar. Teżisti apatija w bruda kbira.Kif saħaq tajjeb il-kummissarju tal-Pulizija Mr.John Rizzo innifsu,f'waħda mill-laqgħat ta' qabel il-Konferenza Ġenerali,hemm diversi opportunitajiet tajba li aħna nistgħu nakwistaw,u jien persważ illi ta' din l-assoċjazzjoni nistgħu nakwistaw ħafna minn dawn l-opportunitajiet.Fi kwalunkwe organizazzjoni l-għaqda hija s-saħħa.Fejn hemm ir-rieda hemm it-triq. Il-Korp tal-Pulizija mhux eċċezzjoni. Waħda mill-ewwel prijoritajiet, hija dik li negħlbu din l-apatija minn fost il-ħafna membri.Hemm bzonn li lkoll nersqu viċin xulxin, wara kollox aħna Korp tal-Pulizija wieħed immexxi minn Kummissarju wieħed,kulħadd għandu l-kontribut x'jagħti, anżi, jien ngħid, li dan huwa dover. B'hekk biss nistgħu naslu għall-għanijiet u l-objettivi li nixtiequ. Il-kumitat eżekuttiv waħdu ma jista' jasal imkien.

Prijorita oħra hija li ser nagħmlu meżż sabiex inżommu lill-membri kollha nfurmati b'dak li jkun qed iseħħ, ser jingħata qies tal-fehma ta' kulħadd, pero', fl-aħħar mill-aħħar, irid li jkollna sens ta' direzzjoni, ta' fejn irridu naslu w fuq kollox, kif se naslu.Ħadd m'għandu jinsa li aħna korp dixxiplinat u għalhekk jeħtieg li kollox isir b'dixxiplina u b'responsabilita. Irridu nagħtu ħajja ġdida lill-assoċjazzjoni. Bħal ma kullħadd jaf, il-kontestazzjoni tista' ġġib xi ftit tal-firda, għalhekk ma nħallux dan l-element jifridna. Ma rridu nħallu lill ħadd u xejn li jxekkilna milli nżommu l-għaqda.Irridu nkunu "TEAM" li nagħtu u mhux nikxfu d-difetti ta' xulxin,mill-banda l-oħra irridu nagħtu w nirrikonoxxu l-iżbalji,sabiex dawn qatt ma jigu rripetuti.Dawn il-karigi ġodda ta' wħud mill-membri tal-kumitat tal-assoċjażżjoni ser iservu ta' vantaġġ,għassemplici raġuni,li ser inkunu nistgħu naraw aktar b'mod oġġettiv dwar x'għandu tabilħaqq jinbidel jew jissaħħaħ. Inħossu wkoll li fina għandna dik iċ-ċerta ħeġġa sabiex flimkien inwettqu dak meħtieg u permezz ta' hekk l-Image tal-Pulizija nżommuh mgħolli l-fuq fejn verament jixraqlu,aħna nemmnu f'dan l-impenn li dħalna għalih

Diġa żammejna diversi laqgħat u nista ngħid illi kollha kellhom importanza.Ittieħdu diversi deċiżjonijiet rigward l-amministrazzjoni, sabiex b'hekk niżguraw illi kollox isir b'mod aktar serju u kif jirrikjedu ż-żminijiet tal-lum. F'waħda mil-laqgħat riċenti,eżattament dik tat-18 ta' Lulju 2003,ġie maħtur Bord tal-Pulizija għan-negożju w skond kif jitlob l-att dwar il-Pulizija Kapitlu 164 Sec 21.Il- membri maħtura huma,A.C. Emanuel Cassar, Supt. Ray Vella Gregory Ps 496 Godwin Borg.Pc24 Martin Pace u Insp.David Saliba bħalha konsulent.Dawn il-membri fuq dan il-Bord ser iressqu l-ilmenti quddiem in-naħa tal-Gvern,liema lmenti jkunu ġew diskussi u approvati mill-kumitat eżekuttiv.Hawn wieħed għandu għax jerġa jisħaq fuq l-importanza tal-kunċett tal-għaqda ta' bejnietna.Irridu nkunu preparati tajjeb, meta niġu sabiex nersqu quddiem l-awtoritajiet,għalhekk irridu naħdmu flimkien sa millbidu nett ta' xi proċess ta' xi bdil fir-riformi li nixtiequ w hemm bżonn li nibdlu, pero' mill-banda l-ohra, rridu nkunu f'pożizzjoni li ma nħallu lil ħadd jikkritikana fuq xogħolna.F'waħda mid-deċiżjonijiet meħuda mill-kumitat eżekuttiv kienet illi għandna ninstallaw sistema tal-kompjuter sabiex nibnu sistema ta' Kommunikazzjoni moderna.Għalhekk intalab parir minn lis-Spettur Paul Caruana responsabli mit-Taqsima I.T.S. B'xorti tajba meta konna bdejna l-proċess ta' ġbir ta' kwotazzjonijiet, il-kumpanija Datax Computer Centre ta' Ta'Xbiex permezz tal-Managing Director Mr. Stephen Saliba, ġentilment offriet illi tisupplixxi l-assoċjazzjoni b'komputer komplut bħala donazzjoni.Ġest ta' min ifaħħru.Grazzi Mr.Stephen Saliba.Qabel nagħlaq nixtieq illi f'isem kulħadd nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-koperazzjoni sħiħa w għajnuna li tagħna. Nixtieq ukoll insellem lill-Għaqda tal-Pensjonanti,u lill I.P.A.u nispera li fil-futur qarib ikollna l-opportunita li niltaqgħu magħhom rispettivament. Insellem ukoll lill-dawk il-membri li sfortunatament m'għadhomx magħna. Kull membru għandu li jkun kburi li jagħmel parti mill- Korp tal-Pulizija.Post il-Korp tal-Pulizija huwa mkien ħlief fil-quċċata

Inselli għalikhom






WPC Carol Fabri,
membru mit-tim tac-C.M.R.U.

# Il-Media u l-Pulizija

## *Seminar* organizzat mill-Fundazzjoni Tumas Fenech

Bejn l-Erbgħa 25 ta' Ġunju u s-27 ta' Ġunju, 2003, l-Fundazzjoni Tumas Fenech organizzat seminar bit-tema L-Media u l-Pulizija, fejn bħala kelliema ewlenin kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo, l-Assisstenti Kummissarji Michael Cassar, Emmanuel Cassar, Josie Brincat u Lawrence Cauchi, kif ukoll Uffiċċjali oħra fi ħdan il-Korp.

L-għan prinċipali tas-Seminar kien iffukat fuq kif il-ġurnalist għandu jirrelata x-xogħol tiegħu ma' dak tal-Pulizija. Ir-rispons min-naħa tal-ġurnalisti kien wieħed tajjeb, fejn ħarġu ħafna punti validi u nterresanti għaż-żewġ naħat.

Is-seminar infetaħ mill-Ministru ta' l-Intern u l-Ġustizzja, Dr Tonio Borġ LL.D. fejn saħaq fuq ix-xogħol siewi li qed tagħmel il-Pulizija fil-ġlieda tagħha kontra l-kriminalita'. Sostna li għalkemm il-kriminalita' organizzata qed tibdel it-tattika tagħha minn ġurnata għal oħra, hekk ukoll il-Pulizija qed tkun mgħammra b'apparat sofistikat biex tkun tista' tiġġieled u ġġib serħan tal-moħħ lil pubbliku in-ġenerali.

Il-Ministru kompla li huwa essenzjali li l-Media tkun taf kif taħdem il-Pulizija għax apparti li l-ġurnalist jista' jkun arma fi ħdan il-Pulizija biex jiġġieled il-kriminalita', huwa kapaċi jwassal il-messaġġ tal-Pulizija liċ-ċittadin. Huwa għalhekk importanti li seminars bħal dawn jibqgħu jsiru għax minnhom joħorġu punti u ideat importanti biex tiżdied il-koperazzjoni bejn il-Pulizija u l-Media, dik miktuba kif ukoll imxandra.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo, min-naħa tiegħu fiehem fid-dettal l-istruttura tal-Korp tal-Pulizija, fejn saħaq fuq l-importanza u s-sagriffiċji li jagħmlu s-sezzjonijiet kollha fi ħdan il-Korp biex jiġġieldu l-kriminalita'. Kien hawnhekk li ssemmiet it-tema ta' l-informers, fejn il-Kummissarju saħaq li l-uniku sors uffiċċjali ta' kommunikazzjoni tal-Pulizija huwa l-Uffiċċju tac-CMRU. Huwa għalhekk li ħafna mid-drabi jkun hemm informazzjoni żbaljata għax il-messaġġ ma' jkunx ħareġ minn fejn suppost għandu joħroġ. Kien hawnhekk li qamet diskussjoni nteressanti bejn il-Pulizija u l-ġurnalisti fejn dawn ta' l-aħħar sostnew li mhux dejjem qed ikunu aġġornati b'dak kollu li huwa ta' nteress għalihom. Huma sostnew li mhux l-ewwel darba li jitolbu nformazzjoni u din tingħata lura ħafna żmien wara. Kien hawnhekk li l-Kummissarju spjega kif ħafna drabi biex l-investigatur ikun ċert minn dak li qed jagħmel u minn dak li għandu f'idejh, jgħaddi ħafna ħin. Mhux lant li l-pubbliku jkun magħraf ħażin jew li jkollu nformazzjoni li ma' tkun korretta sa' l-aħħar u b'hekk tqajjem paniku għalxejn.

Fil-konfront ta' dan kollu sar intervent mill-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi, li huwa responsabbli mit-Taqsima tac-C.M.R.U. Huwa sostna li dak kollu li għandu jiġi kommunikat lil pubbliku permezz tal-Media għandu jiġi rappurtat minn din it-Taqsima, biex b'hekk jitnaqsu l-indifferenzi f'dak li jiġi rappurtat. Is-Sur Cauchi ukoll ta' informazzjoni ta' kif tithaddem ic-C.M.R.U. u kif din fin-nuqqas ta' riżorsi li għandha xorta waħda kapaċi tlaħħaq mal-bosta xogħolijiet assenjati lilha. Għalkemm mibnija fuq nukleu żgħir ta' nies, ic-C.M.R.U. dejjem qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb.

Kelliem ieħor kien l-Assistent Kummissarju s-Sur Brincat fejn spjega r-rwol importanti li għandha l-Pulizija f'dik li hija Crowd Control fejn ir-rwol tal-Pulizija huwa li apparti li jżomm l-ordni pubblika biex ħadd ma' jweġġa' jara li dawk ta' madwaru jżommu d-distanza addekwata mill-avveniment li jkun qiegħed isir biex b'hekk ma' tinħoloq l-ebda kontradizzjoni. L-Assistent Kummissarju Emmanuel Cassar spjega kif mal-milja taż-żmien id-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali inbidel u kif permezz tat-teknoloġija moderna d-Dipartiment żvillupa biex ikun f'pożizzjoni aħjar li jiġġieled il-kriminal.

Il-problema tad-droga f'Malta hija ġerħa li l-Pulizija qed tipprova minn kollox biex iddewwi. L-Assistent Kummissarju Michael Cassar sostna li llum il-ġurnata d-droga f'pajjiżna qed tkun miġġielda minn bosta entitajiet, fosthom Sedqa, Caritas u għaqdiet oħrajn. Huwa spjega kif b'ħidma f'waqtha mill-Pulizija kienu bosta l-operazzjonijiet ta' traffikar ta' droga li sfrattaw.

Funzjonijiet oħra li kienu diskussi f'dan is-seminar kienu dawk ta' l-Iskwadra Mobbli, l-funzjoni tal-Control Room, id-Dipartiment tal-Forensika u dik tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-S.A.G. Il-kelliema kollha saħqu li llum il-ġurnata l-ħajja saret tant magħġġla li biex nilħqu ma' moħħ il-kriminal, il-Pulizija għandha tibdel il-kultura tagħha biex ma' tinqabadtx fuq sieq waħda mill-kriminal.

# Apprezzament mill-Pubbliku

## Xogħolna apprezzat minn Maltin u barranin



...ant Commissioner
...ection
...Headquarters
...ana

21st May 2003

Dear Sir,

On behalf of my staff and all the pupils at St. Joseph School, Blata l-Bajda, I would like to express my appreciation and heartfelt thanks for the well organized programme that Sergeant C. Zammit and his team gave us last Wednesday 14th May.

It was a most enjoyable and at the same time educational experience for everyone, and I have no doubt that it was an unforgettable one for the pupils. We all agree that this programme is the best way to teach our children not only about Traffic Safety but also about the useful and important work of the Policeman or Policewoman.

A big thank you once again to all the members of the Police Force who made this memorable morning possible and may we send our best wishes for the continuing success of this Road Safety Campaign.

Yours faithfully,

SEGRETARJU ĠENERALI

PARTIT NAZZJONALISTA

Is-Sur John Rizzo
Kummissarju
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Floriana

Għażiż Kummissarju,

F'isem il-Partit Nazzjonalista u f'ismi nixtieq formalment nirringrazzjak tal-koperazzjoni tiegħek, tal-kollegi tiegħek u tal-Korp kollu matul il-kampanji tar-Referendum u l-Elezzjoni Ġenerali.

Minkejja ... xogħolna żewġ avvenimenti kbar f'medda ta' ftit xhur kollox mexa bl-aktar mod ... Apprezzajt ferm ukoll l-involviment dirett tiegħek b'mod speċjali ... x'jaqsam ma' l-attivitajiet, fejn inħoloq sens ta' ... kull aspett.

... fil-ħidma tiegħek.

"Valverde" No 37/2,
Triq Anglu Gatt,
Mosta MST 07 - Malta
Tel: +356 21 411 610
Fax: +356 21 412 664

4 ta' Ġunju 2003

...2003224

...Supretendent,
...strett – Mosta,
...assa tal-Pulizija,
...osta.

Sinjur,

Gentilment nuri l-gratitudni tiegħi lejn is-Surġent Emanuele Sa... għall-ħidma tagħhom meta nhar il-... Manfre u Alfred Micallef ... il-vettura tagħna Fiat Uno DBB 174 inħakmet ... tas-6.45pm, ... kompletament, x'aktarx minħabba *short circuit*.

Dan gara quddiem ir-residenza tagħna ... minn qadja fl-istess lokalita.

Il-membri tal-Korp imsemmija bagħqu jipprova... min inzerta għaddej, sakemm waslet il-*fire* ... bibien ta' zewġ garaxxijiet.

Nirringrazzja wkoll lill-Ispettur Pio Pis...

Għall-konvenjenza ġenerali, ... Għassa tal-Mosta u lill-Kumiss...

Ikun apprezzat ħafna jekk...

Nirringrazzjak bil-qud...

Irrid ngħidlek uk... incident, jiena ... jista' jkun ta' ...

Inselli għ...

Bank of Valletta

Bank of Valletta p.l.c.

Security Department
Wignacourt Centre, St Joseph High Road, St Venera HMR 18
Telephone: (356) 23857542; 21483891 Fax: (356) 23857200

The Commissioner of Police
Police General Head Quarters
Floriana

23rd June 2003

Dear Sir,

**PS 1181 Eugenio Caruana**

We wish to put on record and commend highly on the above named ... through his diligence and tenacity, a recent case of vandalism on our ... in a short time indeed. His persistence resulted in the perpetr... ... sustained.

... Police Station, lived up to hi... ... sense of duty an...

...6.03

Frans Ghirxi,
42, Triq Paris,
Ħaż-Żebbuġ.

Is-Sur John Rizzo,
Kummissarju tal-Pulizija,
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,
Floriana.

Għażiż Sur Rizzo,

Qiegħed niktiblek biex nitolbok ... verbalment nagħmlu wkoll bil-kitba ... impenn li inti, flimkien mas-Supre... Kuntistabbli mid-Distrett ta' Ħal Qorm... tiegħi wara t-trawma li għaddejna ... magħruf, ftit aktar minn tliet snin ilu, ... bomba mal-bieb, li fortunamatment ma spl... Tul dawn l-aħħar tliet snin permezz tal-pre... ukoll tad-Deputat Kummissarju s-Sur Joe Ca... mad-dar tagħna. Napprezza ħafna dan kollu ... kemm huma limitati r-riżorsi fil-Korp tal-Puliz... impenji.

Kienu tliet snin li komplew nisslu fina r-rispett ... Korp tal-Pulizija. Iljieli sajfin u xitwin, uħud ... kuntistabbli wara biebna. M'għandix ... naf li mhux faċli tagħmel dawk ... nagħmel biex intaffi... sostanzjalment ... Kienu tli...

Phone
UK
... 206
543939

Home Address
136 Queen Elizabeth Way
Colchester
Essex
England
CO2 8LT

24th May 03

Room 42...
Radisson SAS Bay Po...
St George's Bay, St Jul...
Malta
Telephone +356 374 ...
Telefax +356 374 895
E-mail info@radisson.co...
www.islandhotels.com

Dear Sir,

I would like to register my appreciation of the professional, but helpful assistance provi... by officer 699 (? Kenneth ...) after my accid... at your local race ...

# We've Come a Long

## The Administrative Law Enforcement Sea Patrol

One of the many A.L.E. functions nowadays, is Sea Patrol. Police Sea Crafts are seen on sea several days of the whole year round. How came that the A.L.E. got in with having sea crafts for patrols even at sea? Years ago the Water Police had some three boats for their patrols but this had seized to function in 1980. This is the story how it all began.

Way back in 1992, Senior Inspector Peter Cordina, then in charge of the A.L.E. felt that there was no police presence out at sea, and complaints had been reported to the H.Q. on abuses from boat owners during the summer season. Such complaints were also being reported to the newly set up Malta Maritime Authority, which from their end insisted with the police to try and solve the arising problem, of traffic at sea.

A meeting was held between the two parties, so that an immediate action could be taken. It was established that the A.L.E. members had to join their forces with the S.A.G. Scuba Diving Team, who at that time were the only body at the police force that had sea crafts. In the beginning patrols at sea were being affected on Saturdays, Sundays and Public Holidays.

The results were immediately tangible, that boat owners were rushing to the M.M.A. to register their boats, which from their end showed their praise to the police for the effort that was made. The following year the same squads were joined again to conduct sea patrols. At that time one has to mention that the patrols were performed by a small dinghy equipped with a 40hp engine, the problems was that bigger engines had been fitted to other boats and made it hard to stop at sea. Sea crafts continued to be registered with the M.M.A. after being stopped by the police. Such activity generated a considerable income for the M.M.A.

To this effect the Authority, asked for a meeting with the Police were Mr. Alfred Cremona, congratulated the Police for the hard work, which had been done at sea. Mr. Cremona also mentioned the income that they had from new registrations, from boats that had been at sea for years and never registered. He also said that the Authority was so happy with this event that the following summer wanted to commission a new and more powerful boat to the A.L.E. so that patrol could be conducted better.

In April 1994, a 21ft boat make Fletcher equipped with two-90hp engine was handed over to the A.L.E. from the Maritime Authority. A short ceremony was held at the Nautical School in Floriana. This new boat was fully equipped with instruments and other needs for sea rescue and patrol.

Through the daily efforts of the A.L.E. team good results kept coming and by the end of summer the Maritime Authority had offered other equipment to the A.L.E. for its patrols. Two members of the A.L.E. were sent to the Nautical School for a month's course. The training focused on boat handling, fire fighting, basic sea rescue, and rules of the road. Following such initiative another four police constables had been sent for a full course of basic sea rescue organized by A.F.M. In both courses the police achieved excellent results. It was at that time that it was felt that the squad needed other sea craft. An old boat, which was earlier used by the Water Police and was lying idle at the M.T. Garage, had been refurbished at the expense of the M.M.A. and the latter also bought a 115hp outboard motor for the vessel.

After the new Hunting and Trapping Regulations came into force in 1993, the A.L.E. team was asked to enforce hunting regulations at sea as well. Although good results were immediately achieved, it was soon felt that the two boats were not completely adequate for patrols during the rough winter weather, and on many instances the patrols had to be cancelled due to bad climatic conditions. The difficulties faced by the police were also noted by the representatives of the International Animal Rescue (I.A.R.) who discussed the issue with the ex. Parliament Secretary for the Protection of the Environment Dr. Stanley Zammit, so that in



1996, the I.A.R. donated to the Police a fully equipped semi-ridged inflatable boat, which could face up to Force 6 sea conditions. Another hurdle was once again overcome.

During 1997 the S.A.G. Scuba Diving team had been dismantled and their duties passed on to the Civil Protection Department and A.F.M. The two other crafts previously used by the S.A.G., have been delivered to the A.L.E., these were a small dinghy with a 40hp engine and another 21ft boat of an Endurance make, which was equipped with a 225hp outboard engine. The dinghy was immediately presented to the Comino Police as their boat had developed major problems. By this time the M.M.A. continued to offer courses to the A.L.E. officers and men were trained on the subject.

At one time the M.M.A., in appreciation of the good work done by the A.L.E., had offered two, twin seated Jet skies. These crafts are fast, easy to handle, safe, and more economical to maintain. Police around the world are using these kinds of crafts for their bay patrols, however this offer for some reason had been refused. I must add that if ever an offer like this will again crop up, one should consider the advantages and the disadvantages of such crafts. It is to be mentioned that these crafts can't be board for a long time, a rest should be made from time to time, or personnel has to be changed.

Through out the years, especially during the last 24 months, every effort was made to modernize and better equip the officers at sea so they could do their job in an efficient and effective manner. At the end of 2001 and in mid 2002, International Animal Rescue in conjunction with other foreign NGO's donated to the A.L.E. two new outboard engines, which increased the power capabilities at sea. A refurbishment programme has begun during these last weeks so as to modernize one of the boats donated by the M.M.A. Two new semi-ridged rubber dinghies completed with outboard engines and navigation equipment had been purchased by the Department in 2002, and will be commissioned during the next few weeks.

Nowadays, the A.L.E. unit has became synonymous with those who frequent the sea, whether hunters, fishermen or bathers. The unit has and will continue to work with other entities entrusted with the safety at sea such as the Civil Protection Department and the A.F.M. Maritime Squadron. The challenges ahead are inviting, perhaps it would be opportune for the authorities to consider and study the possibility of establishing a permanent Water Police Unit as it was in the past.




# Way



PS 772 Dennis Agius.
Dog Section

YOUR ULTIMATE PEACE OF MIND



# datatrak systems ltd

SOLID FOUNDATIONS. YEARS OF RESEARCH.

SIX FIGURE INVESTMENTS AND YEARS OF EXPERTISE...



This is Datatrak Systems Limited. Unique in its market. Providing security systems using the latest state-of-the-art technology for up-to-the-minute management of information, two-way data communication, accurate location of resources, tailor-made exception reporting - offered for 24 hours, 365 days of the year.

Datatrak's clients include major public entities such as the Malta Police Force, a myriad of private commercial companies, a number of boats (both pleasure and fishing crafts), a long list of properties and private motor vehicles. Indeed, Datatrak's overall package of services makes it definitely the ultimate security money can buy!



**Trakbak** *About 8 cars are reported stolen every day! Better be safe then sorry - install a Trakbak system and enjoy discounts on your insurance premiums.*

**Boatrak** *Boatrak keeps track of your movements at from the quay to the open sea. It makes virtually impossible for your boat to get lost or stolen*.*

**Fleetrak** *This system monitors commercial fleets, track their movements all over Malta & Gozo* ensuring your full control on logistics and operations.*

**Alarmtrak** *This system compliments your alarm, ideal for both home & business ensuring complete, tamper proof security using the latest telemetry aplications.**

**datatrak systems works in conjunction with the Malta Police Force*




Visit the company's web site for a more comprehensive view of what this company can do for you at

**www.datatrak.com.mt**

F.26 Mosta Technopark MST 13 Malta Tel: 421050 Fax: 421049 http: //www.datatrak.com.mt e-mail: info@datatrak.com.mt



WPC255 Roberta Fenech
membru mit-tim tac-C.M.R.U.
Ritratti: PS516 Alfie Borg

# Police Day - $12^{th}$ July, 2003

The Malta Police Force celebrated the 189th Anniversary since its foundation on Saturday 12th July, 2003. After a lot of training and preparation and after two weeks of activities and displays by the Police Band, the Precision Drill Team and the Dog Section, around the various localities on the Maltese Islands, this year's Police Day started once again with Mass which was celebrated by Archbishop Joseph Mercieca at 8.45a.m. at the General Headquarters, Floriana.

The annual parade took off from City Gate, Valletta at about 9.50a.m.. The parade made up of the Police Band, Guard of Honour and the Precision Drill Team continued to march along Republic Street towards St. George's Square. The parade led by Superintendent Raymond Zammit then took position in the Square while the Precision Drill Team led by Inspector Stephen Mallia entered the Palace Courtyard. The Police Band and the Guard of Honour were in place to give the General Salute to the Commissioner of Police, Acting Prime Minister Louis Galea and the Minister for Justice and Home Affairs Tonio Borg on their arrival. The National Salute was given to His Excellency the President of Malta on his arrival at St. George's Square accompanied by an escort of Mounted Police. His Excellency the President of Malta then inspected the Guard of Honour and the Police Colours made up of the Maltese Flag and the Malta Police Flag. The Guard of Honour and the Police Band then entered the Palace Courtyard.

The Police Band led by Senior Inspector Anthony Cassar then marched again to the parade ground to give a display. The display by the Police Band was followed by a march past by the various sections of the Malta Police Force. The defile' was composed of Police Personnel representing every Police District, the Special Assignment Group, Police Pensioners, the Dog Section accompanied by Police Dogs, the District and Traffic motorcycles, District vehicles, Mobile Squad vehicles, Forensic Unit vehicles, a Mobile Station van, Dog Section vans, Administrative Law Enforcement Unit vehicles and dinghy, tow trucks and vans from the Mechanical Transport Section, and Special Assignment Group vehicles. The defile' continued to march all the way down Republic Street.

At the end of the march past the Precision Drill Team emerged from the Palace Courtyard and marched to the parade ground to give its impressive and spectacular display amidst the applause by guests and spectators. At the end of the display the Precision Drill Team joined by the Guard of Honour and the Police Band advanced in review order where the National Salute was given. Then the parade marched past in front of the President of the Republic and continued marching along Republic Street. The President of the Republic left St. George's Square accompanied once again by an escort of Mounted Police.




# Police Day 12th July 2003



< Mobile Squad dehlin ġewwa l-Belt



Pulizija ta' l-iskwadra ta' l-SAG >



^ Membri tal-Ghaqda Pulizija Pensjonanti



^ Membri tal-Precision Drill Team



^ Il-Kavallerija tal-Pulizija waqt id-dhul tal-President



^ Pulizija ta' t-Taqsima ta' t-Traffiku




^ Pulizija tal-ALE mghamra bid-dinghy



^ Tislima lil Kummissarju tal-Pulizija



^ Tislima lil Onor Aġent Prim Ministru Dr. Louis Galea



^ Tislima lil Onor Dr. Tonio Borg MP



^ Pulizija mid-Dog Section flimkiem mal-klieb taghhom



Dr. Antoine Casha B.A. LLD.
Supretendent Taqsima
tal-Prosekuzzjoni



# Preparazzjoni Għall-Qorti

**"Hu importanti li membru tal-Korp iżomm quddiem għajnejh l-iskop u r-rwol tiegħu meta jissejaħ biex jixhed fi proċeduri kriminali."**

Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma' thallix li jsiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi li ġġib il-ħatjin quddiem l-awtorita' Ġudizzjarja.

Marbut mad-dover tal-Pulizija li jigbru l-provi, hemm id-dover ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija li jagħti x-xhieda tiegħu meta tkun meħtieġa dwar xi kaz li jkun investiga hu stess jew b'xi mod ieħor ikun involut fl-investigazzjoni li wasslet biex persuna jew persuni tressqu quddiem il-Qorti.
Fil-maġġor parti tagħhom, il-membri tal-Korp jafu li x-xhieda tagħhom tista' tkun kruċjali biex issir ġustizzja skond il-liġi.

Sfortunatament, illum ftit baqa' nies li jieħdu x-xhieda ta' uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija bħala vanġelu. Anzi, uħud huma predisposti għal kuntrarju. Minħabba f'hekk, il-membri tal-Korp xi kultant isibu ruħhom fil-posizzjoni li jkunu jridu juru b'mod ċar il-professjonalita' u l-kredibilita' tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Dan anke fid-dwal tal-kredibilita' ta' l-istess sistema ġudizzjarja b'mod ġenerali kif ukoll dik tal-Pulizija b'mod partikolari.

Membri tal-Korp li jkunu msejjħa biex jagħtu x-xhieda tagħhom għandhom jistennew li d-difiża tagħmel domandi b'mod rigoruz, anke' aggressiv, u xi kultant dan iwassal biex l-integrita' u l-onesta tal-Pulizija stess tiżżeffen fin-nofs. Allegazzjonijiet da parti tad-difiża li l-affarijiet ma sarux kif suppost, jistgħu jagħtu l-impressjoni lill-membru tal-Korp li jkun qed jixhed li hu, jew il-Korp tal-Pulizija kollu, hu l-akkuzat f'dawk il-proċeduri u mhux il-persuna li hemm fl-isbarra.

Għalhekk,membru tal-Korp li jigi msejjaħ biex jixhed meta w ma jkunx ppreparat sew, jista' jkun ta detriment u diservizz, mhux għalih innifsu biss, izda kif ukoll għall-Korp tal-Pulizija u għas-sistema ġudizzjarja in ġenerali.

### X'tistenna fl-Awla bħala xhud?

Bħala regola ġenerali tistenna li tgħaddi minn tlett stadji:-

**(a) L-eżami (examination-in-chief):**
F'dan l-istadju jsirulek domandi minn min ikun sejjaħlek bħala xhud, sabiex dan isaħħaħ il-każ tiegħu, jew idgħajjef il-każ tal-parti l-oħra, jew biex isaħħaħ jew jimmina il-kredibilita' hawn ma' jistgħux isiru domandi diretti lix-xhud;

**(b) Il-kontro-ezami (cross-examination):**
Hawn ix-xhud isirulu domandi mill-parti opposta biex iwaqqa' il-każ tal-parti l-oħra, jew isaħħaħ il-każ tiegħu stess, jew jattakka l-kredibilita' ta dak ix-xhud jew xi xhud ieħor f'dan l-istadju jistgħu jsiru domandi diretti u b'mod aktar ampju li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kredibilita' tax-xhud (tiegħek stess);

**(c)Ri-ezami:**
Il-parti li sejjħitlek bħala xhud tista' terġa tagħmillek xi domandi sabiex tiċċara xi ħaġa li tkun ħarġet waqt il-kontro-ezami. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Qorti (l-Imħallef jew il-Maġistrat) stess tista' ukoll tagħmel xi domandi li jidrilha xierqa lix-xhud.

**Għalfejn tiela' il-Qorti?**
Hu mportanti li membru tal-Korp iżomm quddiem għajnejh l-iskop u r-rwol tiegħu meta jissejaħ biex jitla' jixhed fi proċeduri kriminali. Int qiegħed hemm sabiex tgħin lill-Qorti tasal għall-ġudizzju jew deċiżżjoni fuq il-provi li jinstemgħu quddiemha.

Hu r-rwol tal-prosekutur, u mhux tiegħek, li jipprova jottjeni ħtija skond il-liġi. Imbagħad sta għall-ġudikant (Maġistrat, Imħallef, jew ġurija), li jiddeċiedi fuq il-ħtija jew l-innoċenza ta' l-akkużat. Il-rwol tiegħek bħala uffiċjal tal-Pulizija hu li tgħin lil min għandu jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ jasal għall-deċizjoni billi tispjega,b'mod ċar u konċiż dak li rajt, smajt, innotajt jew għamilt, b'onesta u b'imparzjalita'.

Mhux mistenni minnek li tagħti opinjonijiet - għal dak il-għan hemm l-esperti tal-Qorti. L-unika ħaġa li tistenna minnek il-Qorti hu li tgħid il-verita', kif tafa int, b'mod kompetenti u komplet (sħiħ).

**Kun Preparat**
Parti essezjali biex tixhed b'mod professjonali hu li tkun preparat minn qabel.

Trid tapprezza li l-preparazzjoni tiegħek biex titla' tixhed ma tibdiex xi ftit minuti qabel ma fil-fatt se tixhed. Il-preparazzjoni tiegħek biex eventwalment titla' tixhed tibda minn dakinhar li ħadt ir-rapport, jew mort fuq il- post ta' xi serqa, glieda jew inċident ieħor jew assistejt f'xi *search.*

Trid iżomm f'moħħok li dak li tiġbor dakinhar, irid ikun ċar u konċiż għax għada pit għada,fuq dak li ġbart u niżilt dak in-nhar se tixhed. In-notamenti tiegħek għal dan il-għan iridu jkunu ċari biex tkun tista' tixhed b'mod konvinċenti u komplet. Ftakar li dak li tgħid ( jew ma tgħidx ), jista' jkun suġġett għal skrutinju fil-kontro ezami.

Għalhekk ipprepara sewwa - ma tantx tagħti impressjoni tajba jekk ma tkunx ippreparat meta titla' tixhed u b'hekk tista' ttellef mill-valur u l-kredibilita' tax-xhieda tiegħek minn min għandu jiġġudika l-fatti - il-Qorti.

Tajjeb li wieħed jiftakar dak li hemm maħsub fl-artikolu 637 tal-Kodiċl Kriminali fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar il-kredibilita 'o meno ta' xhud:-

" jittieħed qies ta' l-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."

**Qabel ma titla l-Qorti:**
Kun żgur li int familjari mal-każ. Dan hu aktar importanti meta l-każ li fuqu tiela' tixhed ikun ilu li ġara, jew ikun każ komplikat iżjed minn oħrajn. Mhux mistenni minnek li tiftakar kollox bl-amment; għalhekk tajjeb li tiffriska l-memorja tiegħek b'notamenti ta' dak li għamilt, rajt u smajt dakinhar ta' l-inċident.

F'dan l-istadju tidħol l-importanza tan-notamenti tiegħek li tnizzel dak in-nhar stess jew immedjatament wara. Mhux li tnizzel dak li qallek sieħbek x'ġara jew tikkopja l-okkorenza!! Għandek tkun taf li l-liġi l tippermetti li xhud jiffriska il-memorja tiegħu, iżda f'dak il-każ il-kitba għandha tiġi esibita u tista' taraha l-parti kuntrarja (Art 538, Kap.12). Pero' dan ma jfissirx li għandek tiddiskuti x-xhieda tiegħek ma xhieda oħra.

Jekk meta titla tixhed taqbad u taqra mill-ewwel minn noti tiegħek, tista tagħti l-impressjoni negattiva fis-sens li tagħti l-impressjoni li ma tiftakar xejn mill-każ u għall-hekk, il-valur tax-xhieda tiegħek tonqos sew

Dakinhar li tiela' tixhed - kun fil-ħin u liebes xieraq. Fuq din il-materja tista tagħmel refenża għaċ-ċirkolari maħruġa mill-Kwartieri Generali 1/97 u 104/02. Kun *smart* bl-uniformi u uri li int kburi li membru tal-Korp. Tintelaqx, żomm ruħek wieqaf.

**Fuq il-pedana tax-xhieda.**
Kif semmejna qabel, l-imġieba tiegħek fuq il-pedana ix-xhieda hija importanti għax taffetwa l-kredibilita' tax-xhieda tiegħek u għalhekk tista' taffettwa l-andament tal-kawża għalhekk:-

**Kun kunfidenti:**
Wieġeb u tkellem bl-leħen sod u ċar.Togħodx tiċċassa jew tipprova tevita li twieġeb xi domanda. Oqgħod dritt fuq il- pedana u tintelaqx. Meta tkun fuq il-pedana ħares lejn il-persuna li tkun qed tagħmillek id- domanda,iżda meta twieġeb ħares u ndiriżża lill-Maġistrat jew lill-Imħallef, skond il-każ. Hafna jemmnu li persuna li tkun qed tgħid il-verita ma tiddejjaqx tħares lejn għajnejk, filwaqt li dawk li ma jkunux qegħdin jgħidu is-sewwa, jew is-sewwa kollu,jevitaw il-ħarsa t'għajnejk.

Ftakar li fil-Qorti tal-Magistrati, bħala Ġudikatura Kriminali jew bħala Qorti Istruttorja, għandek tindiriżża lill-Qorti "**Sur Magistrat**" jew "**Sinjura Magistrat**" skond il-każ. Fil-Qrati Superjuri, u ċioe, fil-Qorti Kriminali tindirizza l-Qorti "**Sur Imħallef**".

**Kun Oġġettiv:**
Huwa veru li wara x-xogħol li tkun għamilt sabiex tikkonkludi każ, tkun tixtieq tikseb sejbien ta' ħtija. Iżda dan mhux kompitu tiegħek. Għalhekk, konvint kemm int konvint mill- ħtija ta' l-imputat, għandek tippreżenta x-xhieda tiegħek b'mod imparzjali u tixhed il-fatti kollha, kemm kontra kif ukoll favur l-imputat.

**Kun Edukat:**
Evita li tkun offensiv bl-imgieba tiegħek.Dan mhux dejjem faċli, speċjalment waqt il-kontro ezami: dan l-istadju jista' jkun l-aktar diffiċli għalik waqt ix-xhieda tiegħek. Kontro eżami ppreparat sewwa jista' jħawwad l-aktar xhud konvinċenti. Għalhekk titlifx il-paċenzja jew tirrabja-dan hu propju dak li jkun qed jipprova jipprovoka l-avukat fil-kontro ezami. Hu propju hawn li int tista' turi l-professjonalita' tiegħek-għalhekk nerġa ntenni-kun preparat sew.

**Għajnuna fuq il-pedana**
L-aħjar mod biex tipprepara ruħek għall-kontro eżami hu li tkun taf xi tattiċl li jużaw l-avukati difensuri waqt dan l-istadju ta' kontro eżami:

❶ Oqgħod attent għal dak l-avukat difensur li jidher li huwa ħabib tiegħek. B'dan il-mod jista' jagħmlek relaxed u imbagħad joħroġlok b'xi domanda li jaħsdek. Ftakar-aħseb qabel ma twieġeb.

❷ Oqgħod attent meta l-avukat difensur jirrepeti ujerġa jirrepeti l-istess domanda, xi kultant fi kliem differenti. Jekk twieġeb b'mod differenti, l-avukat difensur jista' jattakka kemm tiftakar sew dak li seħħ - il-memorja tiegħek.

❸ Moħħok hemm għal dak l-avukat difensur li jipprova jintimidak billi jibqa' jħares lejk b'mod fis wara li jkun għamillek xi domanda. Jekk tinduna b'din it-tattika, ma jkunx daqshekk effettiv.

❺ Taqax għal provokazzjoni ta' l-avukat difensur li donnu għandu għalik personalment. L-iskop tiegħu u propju dak li tirrabja u tirreaġixxi għal provokazzjoni - b'hekk titlef id-dehra professjonali tiegħek, b'ċans kbir li tnaqqas il-kredibilita' tiegħek u l-valur tax-xhieda tiegħek.

❻ Attent għal dawk id-domandi li l-avukat difensur jitolbok biex twieġeb 'iva' jew 'le'. Dawn it-tip ta' domandi huma maħsuba sabiex jillimitaw l-ispjegazzjoni li tista tagħti għal xi ħaġa li tkun għamilt. Hawn għandu jintervjeni l-uffiċjal prosekuttur billi jieħu nota ta' din id-domanda u jerġa jmur għalija fir-ri ezami u jagħti ċans lix-xhud jispejġa ruħu. Attent għal dawk id-domandi li jsirulek waħda f'waħda mill-avukat difensur biex ma jtikx ċans taħseb. Jekk tħalli l-avukat difensur juża din it-tattika, fl-aħħar hemm ċans li tiżbalja. Int tista' tikkontrolla il-ħin għal kull domanda - għalhekk, ieqaf għal ftit mumenti qabel ma twieġeb għad-domanda.

**X'tista tagħmel?**

- Ipprepara ruħek sew u kun familjari mal-każ li dwaru se tixhed ;
- Kun fil-ħin u liebes smart. Kun edukat f'kull ħin;
- Tintelaqx fuq il-pedana tax-xhieda;
- Ifhem id-domanda sew: leqaf (għal ftit ħin) u aħseb qabel ma twieġeb;
- Ħares lejn il-persuna li qed tagħmillek id-domanda - izda meta twieġeb ħares lejn l-Imħallef jew Maġistrat;
- Meta twieġeb domanda, kun konċiz u ċar;
- Tkellem b'mod sod u ċar;
- Meta mistoqsi xi domanda,ħalli ftit mumen ti qabel ma twieġeb fejn l-uffiċal prosekutur ikun jista' jagħmel xi oggezzjonijiet;
- Kun edukat kemm lejn il-prosekuzzjoni, kif ukoll lejn id-difiza. Ipprova kun imparzjali u professjonist fuq il-pedana;
- Stenna li tkun attakat mid-difiża' irrejaġġixi b'mod professjonali mingħajr emozzjonijiet;
- Ix-xhieda tiegħek mhux ta' espert tal-Qorti - għalhekk m'għandekx tagħti l-opinjonijiet tiegħek fuq dak li ġara - dak xogħol ħaddieħor;

Dawn huma biss xi ftit ħsibijiet li xtaqt naqsam magħkhom. Hemm ħafna iżjed xi tgħid dwar is-suġġett u oħrajn relatati miegħu - bħal regolamenti dwar l-evidenza. It-taqsima tal-Prosekuzzjoni tal-Pulizija qiegħda propju biex tinforma membri tal-Korp dwar il-liġi Kriminali u/jew proċedura. Din it-taqsima qiegħda fil-Kwartieri Generali il-Furjana u tistgħu tagħmlu kuntatt bl-email:- **prosecutions.police@cmru.gov.mt.** Jew fuq in-numru tat-telefon **2294 2197**.

Launch Price
Lm10,900

distinctive,
Stylish,
Aspirational




**...strong and dynamic.** The new Honda Accord possesses a distinctive character borne out of an original and intelligent approach to styling. Perfection in every detail. It's by ensuring that every element is 100% right that the Accord gets it's clean, uncluttered and distinctive shape. The new Honda Accord has an air of solidity and completeness, a result of real quality and integrity.

HONDA
The Power Of Dreams







**ASSOCIATED MOTORS CO. LTD.**
Mriehel By- Pass, Mriehel.
**Tel:** 21 498561/3. **Fax:** 21 480150
**e-mail:** honda@zamgroup.com

ISO 9002 FS 36753





# BUPA Malta



Rita Chircop
Public Relations Officer
BUPA Agencies Limited

**Għeżież membri tal-Korp**

Bħal ma ħafna minnkom jafu, jiena nieħu ħsieb l-iskema tal-BUPA li l-Korp tal-Pulizija u d-dipendenti tagħkom għandkom magħna.

Peress li nirċievi ħafna ittri u anke telefonati rigward l-assikurazzjoni tas-saħħa mingħandkom, ħsibt li nieħu din l-okkazzjoni sabiex nippublika numru ta' mistoqsijiet u ir-risposti għalihom għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Nieħu din l-okkazzjoni sabiex nfakkar lil kull min hu membru magħna li dalwaqt ser jirċievi ir-*renewal notice* filwaqt li min jixtieq iżid l-iskema jew min hu nteressat li jieħu xi skema minn tagħna jista jċempilli fuq 23282117 sabiex ngħatih aktar dettalji. Tajjeb li nfakkar li għall-membri tal-Korp u l-familja tagħkom aħna għandna prezzijiet ferm imnaqqsin fuq dawk normali.

Ftakru li l-mard jew korriment jiġi fuqna meta l-anqas inkunu qed nistennewħ. Saħħitna hi l-aktar ħaġa prezzjuża li għandna, ejjew nibżu għaliha billi nassigurawha mal-BUPA.

**Għalfejn għandu jkollok l-assikurazzjoni tas-saħħa?**

Meta tixtri l-assikurazzjoni tas-saħħa tkun qed tixtri is-serħan-il-moħħ li jekk timrad jew tkorri tista' tagħmel użu minn kura medika privata u l-BUPA tieħu ħsieb tħallas għal dawn l-ispejjeż.

**X'tip ta' benefiċċji din l-assikurazzjoni toffri?**

L-assikurazzjoni tas-saħħa tibda' tħallaslek mill-ewwel visita għand it-tabib tal-familja, tħallaslek għall-konsulti li jista' jkollok bżonn għand speċjalista, għal xi testijiet mediċi neċessarji, bħal per eżempju, eżamijiet tad-demm, *biopsies*, *CT Scan* jew *MRI*.

Jekk ikollok bżonn tidħol ġo sptar, il-BUPA ser tieħu ħsieb tħallaslek l-akkommodazzjoni, *in-nursing*, il-pilloli, faxex,; *injections*, kif ukoll kwalunkwe testijiet jew *X-rays* li tista tiġi bżonn. F'kaz ta' operazzjoni, barra milli ser tħallaslek għall-uzu tal-*operating theatre*; ser tħallaslek ukoll għall-konsulent, għall-anestetista (jiġifieri dak li jraqqad lill-pazjent), għat-*team* mediku kollu li jieħu sehem fl-operazzjoni, flimkien ma' l-apparat mediku li jkun intuza waqt l-istess operazzjoni. Kif ħrigt mill-isptar ser tieħu ħsieb tħallaslek il-*follow ups* li jkollok bżonn tagħmel għand l-ispeċjalista li jkun operak. Hawn skemi li jħallsulek anke għall-mediċini barra mill-isptar.

Meta niġu għall-kura tal-*cancer*, l-assikurazzjoni tas-saħħa tieħu ħsieb tħallas għall-konsulti li jkun hemm bzonn mal-ispeċjalista kif ukoll għall-kura li tingħata permezz tal-*chemotherapy* u tar-*radiotherapy*. Tajjeb li nispjega li l-*chemotherapy* hu dak it-trattament li jittieħed bil-ħalq filwaqt li r-*radiotherapy* hu dak li t-trattament li jingħata fil-forma ta' raġġi.

L-isbaħ ħaġa tal-assikurazzjoni tas-saħħa hu li meta tiġi bzonn kura medika m'għandekx għalfejn tistenna, ser tieħu kura medika privata immedjata u fuq kollox ser tkun int li tagħżel min ser jgħatik il-kura; liema sptar ser tuza; filwaqt li tassigura ruħħek min minn ser tiġi operat. Barra min hekk ser tkun int li tiddeċiedi meta din il-kura ser issir.

**Jekk wieħed jiddeċiedi li jmur għal-kura ġo sptar tal-Gvern?**

Meta membru tal-BUPA jimrad jew ikorri u jmur jieħu l-kura fi sptar tal-Gvern, il-BUPA tikkompensaħ billi tagħtih somma flus għal kull lejl li jgħaddi fi sptar tal-Gvern, bħala pazjent mingħajr ħlas.

**Jekk xi ħadd ikollu bżonn jieħu kura medika ġo Sptar Privat f'Malta jew Għawdex, x'inhi l-proċedura rigward ħlas?**

Il-proċedura hi sempliċi ferm, kull ma jkun irid jagħmel hu li javża lill-BUPA li ser jidħol għall-kura ġo sptar privat. Min- naħa tagħha, l-BUPA tikkonferma lill-isptar li ser tagħmel tajjeb għall-ispejjeż mediċi kollha sakemm dan il-membru idum pazjent go l-isptar. Jiġifieri il-membru ma jkun irid iħallas xejn għaliex il-BUPA tieħu ħsieb tħallas dirett lill-isptar. Hawnhekk wieħed jirrealizza is-serħan il-moħħ li BUPA toffrilek għaliex ma tridx tinkwieta fuq kemm l-operazzjoni ser tiġi tiswik jew kif ser taqbad tħallas dawk l-ispejjeż kollha!

**F'każ li wieħed ikun jixtieq jieħu kura barra minn Malta, l-proċedura tinbidel?**

Jekk dan il-membru jkun xtara skema li tkopriħ għal barra minn Malta ukoll, il-proċedura hi eżatt l-istess bħal qabel. Tajjeb li nfakkar li huwa dejjem l-membru li ser jiddeċiedi f'liema pajjiż u sptar ser imur u l-BUPA tibgħat tinforma lil dak l-isptar u konsulent, li ser tħallas dirett hi. Hawnhekk ta min isemmi l-importanza li meta wieħed jixtri skema joqgħod attent li l-kumpanija li magħha jkun ser jassikura ruħħu tkun waħda magħrufa sew barra minn Malta sabiex ma jinqalawlux problemi meta jiġi bżonn il-kura.

**Xi tgħidli fuq meta mara jkollha tarbija?**

L-iskema **BUPA Malta Private Hospital Scheme** tieħu ħsieb tħallas l-ispejjes mediċi kollha meta mara jkollha tarbija b'mod ċesarja, dejjem jekk tkun ilha membru fuq din l-iskema għal mill-inqas tnax il-xahar, filwaqt li jekk twelled b'mod normali tingħata somma flus ta' mitt lira (Lm100). Barra minn hekk fi kwalunkwe skema tal-BUPA hemm benefiċċju li meta mara jkollha tarbija din it-tarbija tista tiġi reġistrata mal-BUPA b'xejn sa ma l-omm ikun jerġa jmissa tħallas il-pagament annwali tagħha.

**Fejn huma l-uffiċċini tal-BUPA?**

L-ufiċċju tal-BUPA f'Malta qiegħed f'120 The Strand Gzira, jiġifieri fl-istess bini tal-Global Group għaliex aħna niffirmaw parti mill-istess group. Filwaqt li f'Għawdex għandha l-uffiċċju fil-kumpless Arkadia fl-istess uffiċċju tal-Globe. In-numru tal-telefon tagħna f'Malta hu 21333100, filwaqt li f'Għawdex hu 21562228.

messaġġ promozzjonali mingħand BUPA

# Tkunx il-Buffu tar-Raħal

**Dan kif kulħadd itwal minni!?!**



TSG The Sense Group

To promote moderate drinking

Gawdi l-Festa bis-sens:
Ixrob bil-moderazzjoni.

Is-'Sense Group' twaqqaf minn diversi kumpanniji li jipproduċu u jbiegħu xorb alkoħoliku f'Malta.

**The Sense Group P.O. Box 36 Balzan BZN 01. Telephone/Fax: 2143 2387 e-mail: tsg@waldonet.net.mt**



# Minn ġewwa l-Akkademja

Supt. R.G. Zammit
Deputat Kmandant
tal-Akkademja
tal-Pulizija

Dr. A. Casha L.L.D. waqt il-lectures dwar il-Liġi Kriminali

Kif jaf kullħadd il-Korp tal-Pulizija għadu kif iċċelebra l-189 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Nemmen li kull membru kien iħossu kburi. Kienu ċelebrazzjonijiet sbieħ. Naħseb bħall ma ħafna minnkom jafu, mhux daqshekk faċli li wieħed jaqbad u jorganizza diversi attivitajiet, speċjalment meta trid iżomm ħaj f'moħħok, li huwa l-Korp tal-Pulizija li ser jofri dawn l-attivitajiet lill-pubbliku. Għalhekk dan ta' l-aħħar, bix-xieraq jippretendi minn għand il-Korp tal-Pulizija l-aqwa u l-aħjar. Kien għalhekk importanti ħafna, li bħas-sena ta' qabel, flimkien mall-Kummissarju, Deputat Kummissarju J. Cachia flimkien ma l-Assistent Kummissarju L.Cauchi, il-kumitat preżenti mmexxi mill-assistant kummissarju Alfred Abela, bdejna niltaqgħu ftit iktar kmieni minn snin ta' qabel biex kemm jista jkun kollox imur kif mixtieq.

**Preparamenti**

Wara l-ewwel seduta, tlesta l-qafas fuq hiex konna ser nimxu. Għalhekk kull delegat ġie assenjat bil-ħidma tiegħu. Jinqalgħu diversi idejat. Finalment iridu jintagħżlu l-aħjar kif ukoll dawk li ser ikunu jistgħu jintlaħqu fil-ħin stipulat. Naf li forsi hawn min ma jieħux gost li noqgħod infaħħar, iżda ħassejt li għal darba għandi nagħmel dan għal benifiċju ta' ħafna membri speċjalment dawk ġodda u għalhekk forsi ma humiex daqshekk intiżi fuq dan il 'commitment', kif ukoll għal dawk kollha li nemmen bi sħiħ li fis-snin li ġejjin ser jibdew jagħtu sehem iktar matul dan l-avveniment hekk kbir għal għażiż korp tagħna. Għalhekk hawn ta' min wieħed jgħid grazzi lil dawn kollha.

Naturalment lill-Kummissarju, Deputat Kummissarju u Ass. Kummissarju L.Cauchi tal-pariri, inkoraġiment flimkien ma direzzjoni tajba li dejjem taw.

Ass.Kumm. A. Abela. Kemm għal-inkurraġiment, flimkien ma xogħol li ħa biex irnexxielu jwassal fil-ħin lil kull membru souvenir mill-isbaħ ta' l-okkażjoni.

Lis-superintendent Lino Magro (Dist No 1) għad-diversi ħidmiet u għajnuna li dejjem offra speċjalment għal attivita ta' 12 ta' Lulju.

Lis-superintendent Ronald Kelly għad diversi ħidmiet amministrattivi w organiżattivi.

Lil Ispettur Morgan Azzopardi kemm għaż żamma ta' minuti kif ukoll għall kull doveri oħra mposti fuqu.

Lis-surġent PS 777 J. Zammit li wkoll għen bis-sħiħ matul dawn il-preparamenti.

Grazzi ukoll tmur għal dawk li huma membri fl-'stearing committee'. Spettur anzjan Anthony Cassar u spettur Stephen Mallia. Ma dawn kollha jridu jingħaqdu diversi persuni oħra li għenu bis-sħiħ biex dawn l-attivitajiet irnexxew, bħal Detail officers, l-istaff kollu tal 'other ranks canteen', membri stazzjonati fil-'carpentry shop', xufiera u membri stazzjonati ġewwa l-M.T. section.

Sħabi fizzjali kollha li għal ġimgħat sħaħ dejjaqthom xi ftit iż-żejjed billi ħadtilhom lin-nies tagħhom minħabba diversi provi. Għalhekk grazzi lill kullħadd tal-koperazzjoni sħiħa. Prosit.

**Preparamenti oħra**

Immedjatament bdew diversi preparamenti. Waħda mill-aktar biċċa xogħol iebsa tkun, kif ser inlaqqgħu numru kbir ta' membri hekk flimkien. Mhux faċli li wieħed jieħu diversi membri minn diversi distretti jew branki, meta dawn ikunu tant mgħobija bix-xogħol. Iżda fejn hemm ir-rieda tasal. U propju hawn fejn wieħed għandu jifhem lil xulxin. Kienu ġimgħat li rajt diversi mijjiet ta' membri (fuq 400) fejn f' ħinijiet differenti kienu jiġu mgħajta għal taħriġ ġewwa l-Akkademja. Ma kienux jiem daqshekk pjaċevoli, fejn is-sħana donna li riedet timpika magħna bi kbir. Kien hemm ħafna suġġerimenti biex it-taħriġ jibda jsir kollu filgħaxija. Mhux ma kontx naqbel ma dawn il proposti, iżda f'moħħi dejjem żammejt li jkun aħjar jekk nitħarġu għal dik il-ġurnata tant mistennija bl-elementi kollha li wieħed seta jobsor li ser niffaċjaw dak in nhar tal-parata. Dan irnexxa. Fejn is-sħana kienet ikbar mis-snin ta' qabel, din is-sena l-ebda membru mill-parata ma ċeda l-azzarin u waqa. Prosit lill membri kollha. Dak li ħdimna għalih irnexxa u ħariġna ta' nies.

**Defile**

Kif wieħed seta jinnota din is-sena wkoll, bħas-sena ta' qabel daħħalna d-defile. Ipparteċipaw fiha (109) membri li llkoll flimkien kienu jirrapreżentaw lil diversi taqsimiet u distretti kollha nkluż dawk ta' Għawdex. Naħseb li din id-darba morna ftit aħjar mis-sena ta' qabel f'dak li huwa 'marching' flimkien ma' sekwenza ta' vetturi tal-Pulizija. Ċert li fis-snin li ġejjin ser immorru aħjar. Magħhom ingħaqdu wkoll diversi membri oħra b'diversi modi ta' trasport fejn f'makkinarju ġdid komplew żejnu din l-attivita.

**Penzjonanti**

Bħas sena ta' qabel din is sena ukoll ipparteċipa grupp ta' penzjonanti (22 b'kollox). Tieħu gost tara uċuħ ġodda Nemmen li baqa iktar spazju f'dan ir-rigward fejn in-numru irid jiżdied bi kbir. Jekk jien informat sew hemm il-fuq minn 600 membru penzjonant. Għalhekk għas sena li ġejja rridu naħdmu aktar ħalli n-numru ta' parteċipanti jiżdied kif inhu xieraq, forsi b'daqxejn ta' bidla f'dik li hija uniformi pajżana wkoll. Hawn nixtieq ngħid grazzi lit-team ieħor ta' pulizija li ħadmu bi kbir f' dan ir-rigward. Supt. R. Kelly, Spettur K.Haber, R.S.M. J. Muscat, P.C. 1266 N. Felice.

**Il-Banda tal-Pulizija**

L-istess jista jingħad lill-banda tal-Korp fejn taħt it-tmexxija tad-direttur Surmast, l-Spettur anzjan Anthony (Toni) Cassar, jidher li l-livell dejjem qiegħed jitjieb. Naturalment, suċċessi bħal dawn ikunu dovuti għal kull membru. Fuq nota personali, iktar bħala delitant milli profesjonali nemmen li kwalita' qiegħda titjieb. Żdiedu aktar membri u diġa taw prova

# Life is all work and play




## the PEUGEOT 206 SW helps you make the most out of it

If you're looking for a stylish car with a sporty feel and added flexibility of use at an affordable price, then the **Peugeot 206 SW** is for you.

The NEW 206 SW is so practical that you could drive it to work, get your kids to school or enjoy time out with the family, all in the same day.

It's packed with well-thought features that make life easier. To mention one - the tailgate rear window can be opened with the remote control and access the boot easily. There is ample space in the boot, you can pack the kid's bike or shopping bags with ease.

**Try out the NEW 206 SW at Michael Attard Ltd.**
**National Road, Blata l-Bajda. tel:21238854**
**or Psaila Street, St.Venera tel:21449312**

**www.peugeot.com.mt**

PEUGEOT
Engineered, to be enjoyed

# It's summertime again!!



At Borg Cold stores we're fully stocked with all your barbecue and party needs:

Sliced beef, pork or lamb
Chicken in portions or halves
Sausages, burgers, corn on the cob
Fish steaks, fillet and prawns
Venison, quails, duck, rabbit
Various butter and cheese
Foreign wines and beer
Ice flakes, cubes and rock
Charcoal and other barbecue material.

The Shop

BORG
GROUP OF COMPANIES

Borg Cold Stores, Abattoir Square, Marsa HMR 17
tel: 21 226 701/4 fax: 21231281







Fuq: Hamsa u ghoxrin Fizzjal Kadetti li qed jattendu l-Akkademja
Lemin: Attivitajiet dak-in-nhar tal-Ħmistax l-Anniversarju tal-Akkademja

tat-talenti tagħhom. Id-diversi wirjiet li taw kienu nkorraġanti ħafna. L-istess kienu l-kummenti tal-pubbliku. Nemmen li dak li għad irridu naslu għalih ser naslu, fejn b'aktar dixxiplina w responsabilita ser inwetquh u dan jgħodd għall kull membru parteċipant. Dak li ħadmu għalih għal sigħat sħaħ fi sħana nsaportabbli rnexxa. Prosit u kuraġġ lil kull membru tal-banda.

**Precision Drill Team**

Taqsima li llum kullħadd jaf li għamlet isem tajjeb lill-Korp, hi l- 'Precision Drill Team'. Kull fejn ġew mistiedna ħarġu b'unuri kbar. L-istess bħal sħabhom l-oħra kollha ħadmu bi' sħiħ f'xemx tiżreġ. Din is-sena rajna wkoll parteċepanti ġodda, fejn f'qasir żmien tgħallmu d-'drill' li kien hemm bżonn. Membri oħra ġodda li ma pparteċipawx ngħidilhom ma jaqtawx qalbhom u jkomplu għadejjin. Prosit lil dawn kollha. Prosit Spettur S. Mallia flimkien ma kull membru.

**Bukett Fjuri**

Intlaqgħet tajjeb ħafna li dak in-nhar tal- parata, żewġt itfal żgħar, Brendon Lee Mallia ta' ħames snin u Gabriel Schembri ta' sentejn, ulied l-Ispettur S.Mallia u s-Surġent F.Schembri rispettivament, ippreżentaw fjura lill-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta l-Professur G. DeMarco. Minn eta' żgħira rridu nuru x'inhi l-imħabba lejn art twelidna, flimkien ma rispett lejn dawk mexxejja. Prosit Brendon u Gabriel.

Ħadt gost ħafna nara l-membri kollha li jagħmlu parti mill-'Precision Drill Team' jippreżentaw bukkett fjuri lil Mrs R. Abela, mart l-Ass. Kumm A. Abela. Sena wara l-oħra, Mrs Abela tissaportja bi kbir lil dawn il-membri kollha naturalment lit-tifel Alfred 'Junior' li wkoll jagħmel parti mit-team. Iżda barra minn hekk f'diversi okkażżjoni ta' wirjiet li t-team jkun qiegħed jagħmel, tieħu l-inkarigu li tixtri u toffri l-ilma lil kull membru, flimkien li tara li dawn il-membri ma jonqoshom xejn, kemm qabel il-performance kif ukoll wara. Fuq kollox u bħala dik l-omm li trid lit-tfal tagħha kull suċċess, iddur u tagħmel kuraġġ lil kull membru tat-team. Prosit lill-membri ta' l-inizzjativa. Prosit u grazzi Mrs Rose Abela.

**Relazzjoniiet Pubbliċi għal waqt l-Attivitajjiet**

Għal l-ewwel darba rajna żieda f'dik li hi nformazzjoni lill-pubbliku waqt id-diversi attivitajiet li seħħew, kemm f'kull lokalita, tmienja b'kollox kif ukoll dak in nhar tat-12 ta' Lulju. Bħala lokalitajiet kien hemm erba ġodda. Għal dik li hija nformazzjoni għal pubbliku wieħed setgħa jara li din is-sena kien hemm tagħrif interessanti ħafna fejn inqrat parti żgħira mill-istorja ta' kull taqsima li pparteċipat. Bħala 'compare' stajna naraw li dawk tat-12 ta' Lulju kienu fdati f' idejn is-Superintendent Ray Vella Gregory megħjjun minn WPC 258 ??? Valletta, filwaqt li s-Sinjuri John Muscat u Charles Grima kienu responsabli ghal l-attivitajjiet li seħħew f'diversi distretti. Prosit lill dawn kollha.

**Il-Ħmistax l-Anniversarju tal-Akkademja**

Bħas snin ta' qabel din is-sena wkoll f'diversi għases saru dawk imsejħa 'Open Days'. Nemmen li huma ta' nteress qawwi għal dawk li huma relazzjonijiet mal-pubbliku. Għat-tieni sena konsekuttiva hekk ukoll seħħ ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Din saret fit- 8 ta' Lulju fejn bl-ebda ċerimonji żejda ċċelebrajna l-ħmistax l-anniversarju mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkażżjoni ġiet mistiedna l-media. Sar ukoll diskors ta' l-okkażżjoni mis-Segratarju Parlemantari Dr. Carmelo Mifsud Bonnici L.L.D. M.P. kif ukoll miċ-chairman ta' l-Akkademja s-Sur Joe Sammut. Saru xi mistoqsijiet ukoll lil-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo. Diversi persuni oħra mistiedna fosthom is-Sinjuri Jackline Azzopardi u Sandra Scicluna responsabbli mill-'Institute for Forensic Studies' ġewwa l-Universita kienu wkoll fost dawk li attendew għal din l-okkażjoni. Preżenti wkoll kien hemm l-Uffiċjali Kadetti li fil preżent qiegħdin jistudjaw ġewwa l-Akkademja. Kienet interresanti ħafna ż-żjara qasira li wara dawn il-personaġġi aċċettaw li jagħmlu madwar il-post, fejn ġew diskussi diversi punti għal ġid ta' l-istess Akkademja. Mhux inqas ta' interes kienet id-diskussjoni li l-Kmandant J. Gauci u jien għamilna ma L-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta Dr. G. De Marco meta dan żar l-esibizzjoni mtella'. Kien l-istess president li nawgura l-Akkademja fit-12 ta' Lulju 1988.

**It-Team ta' l-Akkademja**

Kif diġa spjegajt kienu ġimgħat ta' premaramenti kontinwi. Hemm tara s-sabiħ ta' l-Akkademja mimlija daqs bajda b'mijjiet ta' membri jitħarġu għal-festa tagħhom. Niringrazzja lil Kmandant s-Sur J. Gauci tas-sapport li dejjem sibt minn għandu. L-istess lil kull membru ta' l-istaff ta' l-Akkademja. Kull wieħed ħadem bis-sħiħ għal kull attivita li semmejna. Grazzi tal-paċenzja u xogħol addizzjonali li kull tant żmien dawn il membri jiġu msejħa jwettqu.

**Fizzjali Kadetti**

Fil-preżent grupp ta' ħamsa u għoxrin Uffiċjal Kadett qegħdin jkomplu l-istudju tagħhom ġewwa l-Akkademja, wara li ilhom minn Frar li għadda li bdew l-istudju ġewwa l-Universita' ta' Malta. Ħmistax minn dawn l-Uffiċjali Kadetti huma diġa membri fil-Korp fejn tlieta minnhom huma gradwati fil-Liġi Kriminali kemm bħala Prokuratur Legali kif ukoll bħala Nutar Pubbliku rispetivament. Fi ftit żmien ieħor wieħed minn dawn P.S.1024 Ettiene Calleja jigradwa bħala avukat. Minn din l-kolona nawgurawlu kull suċċess. L-oħrajn membri fil-Korp kollha jġorru edukazzjoni tajba. Dawk minn barra l-Korp, għaxra b'kollox, tlieta minhom nisa huma kollha gradwati f'diversi suġġetti differenti. Bħal kull grupp ieħor nieħu gost nosserva l-entużjażmu tagħhom. Titgħallem ħafna minn dak li tgħallmu fejn l-ideat differenti minn dejjem servew ta' ġid. Sa kemm qiegħed niprepara din il-paġna, dawn il kadetti kienu qiegħdin jipreparaw biex jibdew ħmistax-il ġurnata ta' ħidma ġewwa diversi distretti. M'hemm bżonn ta' l-ebda appell biex dawn jingħataw kull għajnuna minn kull membru li ser jiltaqgħu miegħu. Minn din il-kolonna nawgura kull suċċess lil dawn l-Uffiċjali Kadetti.

**L-Ammendi fil Liġi Kriminali**

Kif jaf kullħadd huma diversi l-ammendi li seħħew u għad iridu jseħħu fil-kamp tal-liġi kriminali. Diversi liġijiet diġa ġew fis-seħħ, oħrajn ser jibdew fl-ewwel ta' Ottubru 2003. Għalhekk is-Superintendent Dr. A. Casha L.L.D. u l-Ispettur P.P. Zammit P.L. li għal dawn l-aħħar xhur ġewwa l-akkademja għamlu l-impossibli biex ilaħqu mall-programm. Prosit liż-żewġ kollegi msemmija.


TOOL SET
PRICE Lm26.90
DRILLER
Power: 500W
Forward & Reverse
13mm Chuck
GRINDER
Power: 500W
Speed: 11,000 rpm
FREE
ROTARY HAMMER JIGGER
750 WATTS Lm 34.90
850 WATTS Lm 42.90
1000 WATTS Lm 48.90
6 MTH
VACUUM CLEANER
PRICE Lm 23.90
Built in power cord storage
3 different types of cleaning accs.
1.2mtr hard pipe for comfortable hooving
Easy to clean bag system
HIGH POWER VACUUM WITH VERY LOW ELECTRIC CONSUMPTION
POLISHER
PRICE Lm32.90
Speed: 0 - 3000 rpm
Power: 1200 watts
Disc Diametre: 180mm
6 MTH
PRICE Lm 39
Available in: Teak, Beech Cherry Oak & Natural
SPECIAL OFFER
EXECUTIVE CHAIR
PRICE Lm 48
High Back
Real Leather
Gas Lift
Available in Black
CAR SET
ALL FOR ONLY
Lm 10.90
Air Compressor
Steering Lock
DC: 12V, 250 PSI
Car Cover
Reduce the heat from inside your car
WJA DISTRIBUTORS
Parish Priest Mifsud, Hamrun Tel: 21232943 - 21233177


Lock, Stock & Barrel
The ultimate destination for all enthusiasts.
At Lock, Stock & Barrel you will find a vast range of target air guns, black powder guns and collectables.
You will also benefit from the added advantage of an in-house air gun shooting range and the option of enrolling in the Phoenix Shooting Club.
At Lock, Stock & Barrel you will enjoy great value for money and and excellent after sales service.
Lock, Stock & Barrel
Suppliers of:
BSA - WALTHER - GAMO - UBERTI - CVA - SAN MARCO - EUROARMS - ARMISPORT
Phoenix Building, Old Railway Track,
Sta. Venera HMR 16
Tel: 2385 2124 / 2385 2200 Fax: 2144 9216
E-mail: info@phoenixgroupmalta.com
Http: www.phoenixgroupmalta.com
PHOENIX GROUP



# Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

### Konferenza Ġenerali Annwali

Il-Konferenza Ġenerali Annwali ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti saret fil-Vilhena Hall, id-Depot tal-Pulizija, nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju, 2003. Attendew b'kollox (inklużi l-membri tal-Kumitat) 30 persuna; numru verament fqir meta tqis li għandna 541 membru reġistrati. Inqraw il-Minuti u r-Rapport Amministrattiv mis-Segretarju Ġiġi Muscat li ġew approvati. Inqara wkoll ir-Rapport Finanzjarju mit-Tezorier Wiġi Vella li wkoll ġie approvat. Ma kien hemm ebda mozzjoni mressqa għal-konsiderazzjoni. Wara il-Konferenza kienet indirizzata mill-President Joe Azzopardi li kompla fuq dak li kien irraporta s-Segretarju, b'riferenza għax-xogħol li wettaq il-Kunsill matul is-sena li għaddiet inkluz attendenza f'Seminars - bosta konnessi mal-Pensjonijiet, parteċipazzjoni minn rapprezentanti tal-Kunsill fl-Alleanza ta' l-Għaqdiet tal-Pensjonanti,

Żjarat lil sħabna morda jew li ma joħorġux minn djarhom, intervisti ma' ex-membri tal-Korp kif ukoll participazzjoni fl-attivitajiet tal-Police Week. Dan minbarra għadd ta' attivitajiet oħra soċjali, bħal harġiet u ikliet li ġew organizzati għal-membri u l-familjari tagħhom.

Qabel intemmet il-Laqgħa, kien hemm ħin għal diskussjoni fejn dawk prezenti kellhom l-opportunita li jressqu suġġerimenti u jsaqsu dwar diffikultajiet konnessi mal-pensjonijiet. Is-Segretarju ħa nota biex dak li gie diskuss ikollu follow up mill- Kunsill.

Sar aċċenn ukoll għal parteċipazzjoni akbar minn pensjonanti fill-parata li ssir fill-Police Day. Inħarġet Ċirkulari biex kull min huwa nteressat li jieħu sehem jinforma lis-Segretarju kmieni kemm jista' jkun

## *Intervista ma' Rita Micallef ~ l-Ewwel Surġent Mara fil-Korp*



L-ewwel ingaġġ ta' Pulizija nisa kien sar fl-4 ta' Ġunju, 1956 u daħlu ħamsa. Billi t-talba kienet għal għaxra, il-ħamsa l-oħra kienu ġew ingaġġati aktar tard wara li sar eżami ieħor. In-nisa li applikaw riedu jkunu ta' eta' bejn l-20 u l- 25 sena. Il-paga ta' Pulizija mara (dak iż-żmien anqas minn ta' ragel), kienet ta' 52c9 kuljum. Wara dak ta' l-1956, saru reklutaġġi oħra fl-1962 u fl-1967. Kien fl-l967 li nħatret l-ewwel mara bħala Surġent; u din kienet Rita Micallef li kellha in-Nru.WPS10. Rita kienet ilha sservi fill-Korp tal-Pulizija sa mill-ewwel ingaġġ ta' l-1956. Fiż-żmien li Rita saret Surġent kien hemm 15 il-mara jservu fill-Korp. L-aktar li ħadmet Rita kien fl-H.Q. fid-Dipartimenti tal- Food Price Control u l-Immigration. Meta saret Surġent ġiet stazzjonata fl is-Statistics Office fejn baqgħet sa ma rtirat fl-1981, wara karrriera ta' 25 servizz.

Rita fakkritna li qabel ma ġew ingaġġati l-Pulizija nisa, biex issir tfittxija fuq mara kienet tiġi msejjħa majjistra bi ħlas. Meta daħlu l-Pulizija nisa, dan sar parti mir-rutina tax-xogħol normali tagħhom. Il-Pulizija nisa kienu wkoll jieħdu ħsieb it-tfal waqt id-dħul u l-ħrug mill-iskejjel minħabba t-traffiku. Kienu wkoll jeskortaw nisa kemm refuġjati jew priġunieri bejn il-Ħabs u l-Qorti. Hawn Rita tiftakar tajjeb meta kienet għassa ma' Ġiġa Camilleri li l-ġuri tagħha kien wieħed mill-aktar magħrufa f'Malta. Kien ukoll isir xogħol ta' patrol fil-bajjiet, fis-Sajf, l-aktar ta' għassa kontra l-pick-pocketers u anke għad-diċenza fl-ilbies.




MARKS &
SPENCER
BLUE HARBOUR
The Strand, Sliema - Strait Street, Valletta

Il-189 Anniversarju mit-Twaqqif Tal- Korp. Bħal snin oħra, l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti hadet sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-anniversarju mit-twaqqif tal- Korp tal-Pulizija. Nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju, 2003, uffiċjali ta' l-Għaqda u membri oħra, attendew għal quddiesa li saret fill-Kappella taċ-Ċimiterju għal ruħ il-mejtin ex-membri tal-Korp. Wara, attendejna għaċ-ċerimonja fuq l-oqbra tal- Korp fejn sar it-tberik u t-tqegħid ta' kuruni. Kemm il-quddiesa kif ukoll it-tberik ta' l-oqbra tmexxew mill-Kappillan tal-Korp, Fr. Raniero Zammit, fil-prezenza ta' l-Onor. Ministru ta' l-Intern, il-Kummissarju, is-Sur John Rizzo u uffiċjali oħra tal-Korp.

Nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2003, għadd sabiħ ta' pensjonanti u n-nisa tagħhom, attendew, flimkien ma' uffiċjali ta' l-Għaqda, għal riċeviment li sar fl-Akkademja tal-Pulizija, St. Elmo, bħala l-mistiedna tal- Kummissarju. Dawk li ma setgħux jattendu f'din il-ġurnata kellhom l-opportunita li jattendu l-għada, l-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2003.

Il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet intlaħaq nhar is- Sibt 12 ta' Lulju 2003, **Jum il-Pulizija** meta, fost il-kontinġenti tal-korp kien hemm rappreżentanza sabiħa ta' pensjonanti, li ma l-uffiċjali ta' l-Għaqda, immarċjaw matul Triq ir-Repubblika sa Misraħ il-Palazz. Hemm il-ħsieb li din il-parteċipazzjoni tibqa' tikber fis-snin li ġejjin.

## *Intervista ma' Emanuel Cassar (ex-PC 169)*



Madwar 50 sena ilu, fit- 2 ta' Ġunju 1953, erba' Pulizija Maltin tal- Mounted Section, kienu gew magħzula biex jipprovdu skorta lil- Prim Ministru ta' Malta, Dr. George Borg Olivier, waqt ic-celebrazzjonijiet ta' l-inkurunazzjoni tar-Regina Elizabetta II f' Londra. Dawn kienu il-kuntistabbli Grech, Galea, Muscat u sehibna EMANUEL CASSAR. Ex-PC. 169, li huwa l-uniku wiehed minnhom li għadu haj. Kien għalhekk xieraq li f'okkazjoni bhal din, nintervistaw lil Cassar biex insiru nafu ahjar id-dettalji konnessi ma' okkazjoni tant importanti bhal din.





Fuq: Emanuel Cassar (ex-PC 169), li ħa sehem fiċ-ċelrbrazjonijiet f'Londra ta' l-inkoronazzjoni tar-Regina Elizabetta II.

Xellug: Midalja tal-Inkoronazzjoni

Imwieled u joqgħod ix-Xewkija, Għawdex, Emanuel Cassar dahal fil-Korp tal-Pulizija fl- 1952 meta diga kellu kwazi 33 sena. Huwa ingħata n-numru temporanju T/PC 771 u attenda għal kors ta' tahrig that R.S.M. T. ORR fid-Depot l-antik tal-Pulizija f' Sta. Venera (Fleur-de-Lys) meta, dak iz-zmien, kien Kummissarju, is-Sur Bertu Grech.

Wara li temm dan il-kors Cassar gie posted fil-Mounted Section, il- Marsa. Wara ftit taz-zmien thabbret il-mewt tar- Re George VI ta' l-Ingilterra u Emanuel Cassar u t-tliet shabu l-ohra gew imsejha mill-0lspettur Willie Abela li kien inkarigat mill-Kavallerija biex jitharrgu għaliex kienu sejrin jiehdu parti fic-celrbrazjonijiet f'Londra ta' l-inkoronazzjoni tar-Regina Elizabetta II. Peress li dak iz-zmien kienet għada kolonja ta' l-Inglizi u fortizza qawwija fi zmien il-gwerra, Malta wkoll kienet mistiedna biex permezz tal- Prim Ministru tiehu sehem f'dawn il-festi. Kien ukoll f'dan l-istess zmien li Cassar giue konfermat bhal;a kuntistabbli regulari u ingħata n-Numru gdid 169.

Meta waslu Londra, il-Pulizija Maltin kienu milqugħa minn ufficjali tal- Mounted Police Inglizi li kienu nkarigati minn dawn ic-celebrazzjonijiet. Huma ingħataw ziemel kull wiehed biex jitharrgu fuqhom u jidawhom. Wara għadd ta' rehearsals wasletil-gurnata l-aktar importanti. Peress li qatt qabel in-nies tagħna ma' kienu hadu sehem f'okkazjoni bhal din, kienu xi ftit eccitati. Għal din ic-cerimonja, il-Pulizija Maltin libsu l-uniformi ta' dak iz-zmien, magħrufa bhala tas-Sarge, bl-għonq magħluq , bl-elmu abjad u c-Chin Strap u s-Spike tal- metall. L-erba' li kienu imxew wara l-karrozzella li fiha kien hemm il-Prim Ministru u s-Sinjura Borg Olivier. Cassar għadu jiftakar dawk il-folol kbar ta' nies Jgħajjtu u jxejru l-bnadar Inglizi fit-toroq kollha li għaddew minnhom.

Wara li għadda kollox, il-Pulizija Maltin thallew għal xi granet ohra f'Londra bhala vaganza qabel ma rritornaw lura Malta. Ftit wara l-wasla tagħom f'Malta, l-Ispettur Willie Abela kien sejjah l-erba Pulizija msemmija u għarrafhom illi r-Regina kien għogobha tonorahom bl-għoti tal- midalja ta' l-Inkoronazzjoni, li Manwel għadu tant jgħozz u li libes fuq sidru meta hadnilu r-ritratt li qiegħed jidher f'din il-pagna. Wara din l-avventura sabiha, Manwel Cassar kien għamel madwar tmien snin ohra jservi fil- Mounted Section sakemm gie trasferit għal- Għawdex fejn serva f'għadd ta' rhula sakemm irtira bil-pensjoni fl-1980, wara 28 sena servizz. Kemm Manwel kif ukoll il-familjari rieghu raddew hajr lil- Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għall-interess li hadu f' din l-okkazjini, specjalment lil-Louis Muscat (Segrertarju) u Louis Vella (Tezorier) li hadu l-inkarigu li jitilgħu Għawdex biex intervistaw lil sehibna Manwel li bhalissa qiegħed jgħjix hajja trankwilla imhares mill-familjari tiegħu li tant jiehdu hsiebu.

Ta' min wiehed jirringrazzja wkoll lis-Sur Andrew Cauchi, mill-Gudja, dilettant sewwa ta' l-Istorja, li gab għall-attenzjoni tagħna dan l-avveniment hekk importanti li ahna kkomemorajna.


Ex P.C. 355 Francis Zammit


Ex P.S. 481 Carmel Fava


Ex P.S. 159 Emmanuel Xuereb


Ex P.S. 419 Edgar O'Flaherty


Ex P.C. 295 Francis Mifsud


Ex P.S. 404 Jospeh Ciappara

# O' Mulej

*Aghtihom il-mistrieh*
*ta' dejjem,*
*id-dawl ta' dejjem*
*jiddi fuqhom,*
*jistriehu fis-sliem,*

# Amen


Ex P.C. 942 Michael Scicluna


Ex P.S. 849 Carmelo Bonnici


Ex P.C. 62 Jospeh Azzopardi (Gozo)


Ex P.C. 215 Anthony Zammit


Ex P.C. 248 Joseph Sillato


Ex P.C. 894 Carmelo Spiteri


Ex P.S. 978 Gaetano Sammut


Ex Supt. William J.Abela


Ex P.S. 201 Michael Bartolo


Ex P.C. 791 Francis Debattista


Falzon's
Bathrooms & Ceramics
Falzon's
Bathrooms & Ceramics
For all your bathroom and ceramics needs , visit our showroom at Psaila Street, St. Venera
tel: 21 482860 or 21 485536 mob: 9947 5759 fax: 21 483075
web:www.falzons.com e-mail: info.falzon@onvol.net



# Tellme service

## Dial 2121 5111

for information on:

- Gozo Ferry Schedule
- Foreign Exchange Rates
- Latest Share Prices
- Lotto Results
- Super 5 Results

(normal call charge)

## Dial 2121 5222

for the opening schedules of 'Din l-Art Ħelwa' historical sites

(normal call charge)

## Dial 5004 3848

for Basic Weather Report

(21c per call)

## Dial 5004 5858

for Expert Weather Report

(Lm2.10c per call)

Information on **Demand!**

Tell me

www.maltacom.com